REGOLAMENT (UE) 2023/1543 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2023

dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-Unjoni stabbiliet għaliha nnifisha l-objettiv li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għall-istabbiliment gradwali ta' dan l-ispazju, l-Unjoni se tadotta miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji, li huwa komunement indikat bħala element ewlieni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999.

(2) Il-miżuri sabiex tinkiseb u tiġi ppreservata l-evidenza elettronika huma dejjem aktar importanti għall-investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali fl-Unjoni kollha. Mekkaniżmi effettivi sabiex tinkiseb informazzjoni elettronika huma essenzjali sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità, u tali mekkaniżmi jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kondizzjonijiet u salvagwardji sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), b'mod partikolari l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, il-proċess dovut tal-liġi, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data* personali u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.

(3) Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u tar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni tal-24 ta' Marzu 2016 dwar l-attakki terroristiċi fi Brussell enfasizzat il-ħtieġa, bħala kwistjoni ta' prijorità, li tiġi żgurata u miksuba aktar malajr u b'mod aktar effettiv evidenza diġitali u li jiġu identifikati miżuri konkreti sabiex dan isir.

(4) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2016 enfasizzaw l-importanza dejjem tiżdied tal-evidenza elettronika fil-proċedimenti kriminali, u l-importanza tal-protezzjoni taċ-ċiberspazju mill-abbuż u mill-attivitajiet kriminali għall-benefiċċju tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, u għalhekk il-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom għodod effettivi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' atti kriminali relatati maċ-ċiberspazju.

(5) Fil-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 dwar ir-Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-Bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE, il-Kummissjoni enfasizzat li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettiva tal-kriminalità bl-użu tal-internet hija deterrent ewlieni għall-attakki ċibernetiċi, u li l-qafas proċedurali preżenti jeħtieġ li jiġi adattat aħjar għall-era tal-internet. Il-ħeffa tal-attakki ċibernetiċi tista' xi kultant teħleb il-proċeduri attwali, u għalhekk toħloq ħtiġijiet partikolari għal kooperazzjoni rapida bejn il-fruntieri.

(6) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità ([3]) enfasizzat il-ħtieġa li jinstabu mezzi biex tiġi żgurata u miksuba evidenza elettronika b'mod aktar rapidu, kif ukoll l-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-pajjiżi terzi u l-fornituri tas-servizzi attivi fit-territorju Ewropew, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u d-Direttiva (UE)

([1]) ĠU C 367, 10.10.2018, p. 88.
([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023.
([3]) ĠU C 346, 27.9.2018, p. 29.
([4]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), u l-ftehimiet eżistenti ta' assistenza legali reċiproka. Dik ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew enfasizzat ukoll li l-qafas legali frammentat ta' bħalissa jista' joħloq sfidi għall-fornituri tas-servizzi sabiex jikkonformaw mat-talbiet tal-infurzar tal-liġi u talbet lill-Kummissjoni tippreżenta qafas legali tal-Unjoni għall-evidenza elettronika b'salvagwardji suffiċjenti għad-drittijiet u l-libertajiet ta' dawk kollha kkonċernati, filwaqt li laqgħet il-ħidma li għaddejja tal-Kummissjoni lejn il-kisba ta' pjattaforma ta' kooperazzjoni b'kanal ta' komunikazzjoni sigur għall-iskambji diġitali tal-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej (OIE) għall-evidenza elettronika u t-tweġibiet bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Unjoni.

(7) Is-servizzi bbażati fuq network jistgħu jiġu pprovduti minn kullimkien u ma jirrikjedux infrastruttura, bini jew persunal fiżiċi fil-pajjiż li fih huwa offrut is-servizz rilevanti. Għalhekk, l-evidenza elettronika rilevanti ħafna drabi tinħażen barra mill-Istat investigattiv jew minn fornitur tas-servizzi stabbilit barra minn dak l-Istat, u dan joħloq sfidi fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni elettronika fil-proċedimenti kriminali.

(8) Minħabba l-mod kif is-servizzi bbażati fuq in-network huma fornuti, it-talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja ħafna drabi jiġu indirizzati lil Stati li jkunu ospitanti għal għadd kbir ta' forniturі tas-servizzi. Barra minn hekk, l-għadd ta' talbiet immultiplika minħabba l-fatt li s-servizzi bbażati fuq in-network qed jintużaw dejjem aktar. Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) tipprevedi l-possibbiltà tal-ħruġ ta' OIE għall-fini li tinġabar evidenza fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ([7]) (il-"Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali") tipprevedi wkoll il-possibbiltà li tintalab evidenza mingħand Stat Membru ieħor. Madankollu, il-proċeduri u l-kalendarji previsti fid-Direttiva 2014/41/UE li tistabbilixxi l-OIE u fil-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali jistgħu ma jkunux xierqa għall-evidenza elettronika, li hija aktar volatili u tista' titħassar b'mod aktar faċli u malajr. Il-ksib ta' evidenza elettronika bl-użu tal-kanali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ħafna drabi jieħu żmien twil u jirriżulta f'sitwazzjonijiet fejn il-ħjilijiet sussegwenti jista' jkun li ma jibqgħux disponibbli. Barra minn hekk, ma hemm ebda qafas armonizzat għall-kooperazzjoni mal-forniturі tas-servizzi, filwaqt li ċerti forniturі ta' pajjiżi terzi jaċċettaw talbiet diretti għal data li ma tkunx *data* ta' kontenut kif permess mil-liġi nazzjonali applikabbli tagħhom. Konsegwentement, l-Istati Membri qed jibbażaw dejjem aktar fuq il-kanali ta' kooperazzjoni volontarji diretti mal-forniturі tas-servizzi fejn ikunu disponibbli, u japplikaw għodod, kondizzjonijiet u proċeduri nazzjonali differenti. Għad-*data* ta' kontenut, xi Stati Membri ħadu azzjoni unilaterali, filwaqt li oħrajn baqgħu jibbażaw fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

(9) Il-qafas legali frammentat joħloq sfidi għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għall-awtoritajiet ġudizzjarji, kif ukoll għall-forniturі tas-servizzi li jkunu jixtiequ jikkonformaw mat-talbiet ta' natura ġuridika għal evidenza elettronika, peress li qed jiffaċċjaw dejjem aktar inċertezza tad-dritt u, potenzjalment, kunflitti tal-liġi. Għalhekk jeħtieġ li jiġu previsti regoli speċifiċi fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera għall-preservazzjoni u l-produzzjoni ta' evidenza elettronika, li jindirizzaw in-natura speċifika tal-evidenza elettronika. Tali regoli jenħtieġ li jinkludu obbligu fuq il-forniturі tas-servizzi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jirrispondu direttament għat-talbiet li jkunu ġejjin mill-awtoritajiet fi Stat Membru ieħor. Għalhekk, dan ir-Regolament se jikkomplementa d-dritt eżistenti tal-Unjoni u jiċċara r-regoli applikabbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji kif ukoll għall-forniturі tas-servizzi fil-qasam tal-evidenza elettronika, filwaqt li jiżgura konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali.

(10) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-TUE u mill-Karta, mil-liġi internazzjonali u l-ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma parti, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll dawk li jinsabu fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-ambiti rispettivi tagħhom. Dawn id-drittijiet u l-prinċipji jinkludu, b'mod partikolari, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, il-protezzjoni tad-*data* personali, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt tad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u tal-proporzjonalità, kif ukoll id-dritt li wieħed ma jiġix ipproċessat jew ikkastigat darbtejn fi proċeduri kriminali għall-istess reat kriminali.

([5]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

([6]) Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

([7]) Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3).

(11) Ma hemm xejn f'dan ir-Regolament li jenħtieġ li jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi ċ-ċaħda ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea minn awtorità tal-infurzar meta jkun hemm raġunijiet sabiex wieħed jemmen, abbażi ta' elementi oġġettivi, li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tkun inħarġet sabiex persuna tiġi mħarrka jew ikkastigata għal motivi fondati fuq il-ġeneru, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, in-nazzjonalità, il-lingwa jew l-opinjonijiet politiċi tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata minħabba kwalunkwe waħda minn dawk il-motivi.

(12) Il-mekkaniżmu tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali jibbaża fuq il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u fuq il-preżunzjoni tal-konformità mill-Istati Membri mad-dritt tal-Unjoni, mal-istat tad-dritt u, b'mod partikolari, mad-drittijiet fundamentali, li huma elementi essenzjali tal-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja tal-Unjoni. Tali mekkaniżmu jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jibagħtu ordnijiet bħal dawn direttament lill-fornituri tas-servizzi.

(13) Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u l-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali huma drittijiet fundamentali. F'konformità mal-Artikolu 7 u l-Artikolu 8(1) tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha u għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardaha.

(14) Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-*data* personali tiġi protetta u pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mad-Direttiva (UE) 2016/680, kif ukoll mad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), inkluż f'każ ta' użu ulterjuri, trażmissjonijiet u trasferimenti ulterjuri tad-data miksuba.

(15) Id-*data* personali miksuba taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata biss meta dan ikun meħtieġ u b'mod li jkun proporzjonat għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati jew l-infurzar ta' sanzjonijiet kriminali u l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li japplikaw politiki u miżuri xierqa fil-qasam tal-protezzjoni tad-data għat-trażmissjoni ta' *data* personali mill-awtoritajiet rilevanti lill-fornituri tas-servizzi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, inklużi miżuri sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tad-data. Il-fornituri tas-servizzi jenħtieġ li jiżguraw li l-istess salvagwardji japplikaw għat-trażmissjoni ta' *data* personali lill-awtoritajiet rilevanti. Jenħtieġ li persuni awtorizzati biss ikollhom aċċess għal informazzjoni li fiha *data* personali li tista' tinkiseb permezz ta' proċessi ta' awtentikazzjoni.

(16) Id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali stabbiliti fid-Direttivi 2010/64/UE ([9]), 2012/13/EU ([10]), 2013/48/EU ([11]), (UE) 2016/343 ([12]), (UE) 2016/800 ([13]) u (UE) 2016/1919 ([14]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li japplikaw, fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi, għall-proċedimenti kriminali koperti minn dan ir-Regolament rigward l-Istati Membri marbuta b'dawk id-Direttivi. Is-salvagwardji proċedurali skont il-Karta jenħtieġ li japplikaw ukoll.

(17) Sabiex jiġi ggarantit ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, il-valur probatorju tal-evidenza miġbura fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi vvalutat waqt proċess mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali u f'konformità, b'mod partikolari, mad-dritt għal proċess ġust u d-dritt tad-difiża.

([8]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

([9]) Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

([10]) Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

([11]) Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

([12]) Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

([13]) Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

([14]) Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

(18) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li bihom awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Unjoni tista', fil-proċedimenti kriminali, inklużi investigazzjonijiet kriminali, jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni wara proċedimenti kriminali f'konformità ma' dan ir-Regolament, tordna fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni sabiex jipproduċi jew jippreserva evidenza elettronika permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun applikabbli fil-każijiet transfruntiera kollha fejn il-fornitur tas-servizzi jkollu l-istabbiliment dežinjat jew ir-rappreżentant legali tiegħu fi Stat Membru ieħor. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali li jindirizzaw lill-forniturі tas-servizzi stabbiliti jew rappreżentati fit-territorju tagħhom sabiex jikkonformaw ma' miżuri nazzjonali simili.

(19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirregola l-ġbir tad-data maħżuna minn fornitur tas-servizzi fil-mument li jirċievi Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea biss. Huwa jenħtieġ li ma jistabbilixxix obbligu ġenerali taż-żamma tad-data għall-forniturі tas-servizzi u jenħtieġ li ma jkollux l-effett li jirriżulta f'xi żamma ġenerali u indiskriminata tad-data. Jenħtieġ ukoll li dan ir-Regolament ma jawtorizzax l-interċettazzjoni ta' data jew il-ksib ta' data li tinħażen wara l-wasla ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea.

(20) Jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax l-użu tal-kriptaġġ mill-forniturі tas-servizzi jew mill-utenti tagħhom. Id-*data* mitluba permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi pprovduta jew ippreservata irrispettivament minn jekk tkunx kriptata jew le. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jistabbilixxi l-ebda obbligu għall-forniturі tas-servizzi biex jiddekriptaw id-data.

(21) F'ħafna każijiet, id-data ma tkunx aktar maħżuna jew ipproċessata mod ieħor fuq l-apparat tal-utent iżda tkun disponibbli fuq infrastruttura bbażata fuq il-cloud li tippermetti l-aċċess minn kullimkien. Biex iħaddmu dawk is-servizzi, il-forniturі tas-servizzi ma għandhomx għalfejn ikunu stabbiliti jew ikollhom is-servers f'ġurisdizzjoni speċifika. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma tiddependix fuq il-lokalizzazzjoni attwali tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi jew tal-faċilità ta' pproċessar jew ħażna tad-data.

(22) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat investigattivi tal-awtoritajiet fi proċedimenti ċivili jew amministrattivi, inkluż fejn dawn il-proċedimenti jistgħu jwasslu għal sanzjonijiet.

(23) Billi l-proċedimenti għal assistenza legali reċiproka jistgħu jiġu kkunsidrati bħala proċedimenti kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli fl-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi ċċarat li Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jenħtieġ li ma jinħarġux biex jipprovdu assistenza legali reċiproka lil Stat Membru jew pajjiż terz ieħor. F'każijiet bħal dawn, it-talba għal assistenza legali reċiproka jenħtieġ li tkun indirizzata lill-Istat Membru jew pajjiż terz li jista' jipprovdi assistenza legali reċiproka skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

(24) Fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jenħtieġ li jinħarġu biss għal proċedimenti kriminali speċifiċi li jikkonċernaw reat kriminali speċifiku li jkun diġà seħħ, wara evalwazzjoni individwali tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità ta' dawk l-ordnijiet f'kull każ individwali, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata.

(25) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal proċedimenti mibdija minn awtorità emittenti biex tiġi lokalizzata persuna kkundannata li tkun ħarbet mill-ġustizzja, sabiex tiġi eżegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni wara proċedimenti kriminali. Madankollu, meta s-sentenza ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni tkun ġiet imposta b'deċiżjoni in absentia jenħtieġ li ma jkunx possibbli li tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea peress li l-liġi nazzjonali tal-Istati Membri dwar deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija in absentia tvarja konsiderevolment madwar l-Unjoni.

(26) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-forniturі tas-servizzi li joffru servizzi fl-Unjoni, u jenħtieġ li jkun biss possibbli li l-Ordnijiet previsti f'dan ir-Regolament jinħarġu għal data relatata ma' servizzi offruti fl-Unjoni. Is-servizzi offruti esklussivament barra mill-Unjoni jenħtieġ li ma jiġux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, anki jekk il-fornitur tas-servizzi jkun stabbilit fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jippermetti l-ebda aċċess għal data għajr data relatata mas-servizzi offruti lill-utent fl-Unjoni minn dawk il-forniturі tas-servizzi.

(27) Il-forniturі tas-servizzi l-aktar rilevanti għall-ġbir ta' evidenza fil-proċeduri kriminali huma l-forniturі tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u forniturі speċifiċi tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jiffaċilitaw l-interazzjoni bejn l-utenti. Għalhekk, iż-żewġ gruppi jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Is-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi huma definiti fid-Direttiva (UE) 2018/1972/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]). u jinkludu servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali bħas-servizzi ta' vuċi fuq IP, messaġġerija

([15]) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

istantanja u s-servizzi ta' posta elettronika. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun applikabbli wkoll għal fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fis-sens tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) li ma jikkwalifikawx bħala fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, iżda joffru lill-utenti tagħhom il-kapaċità li jikkomunikaw ma' xulxin jew joffru lill-utenti tagħhom servizzi li jistgħu jintużaw biex jipproċessaw jew jaħżnu data f'isimhom. Dan ikun konformi mat-termini użati fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (ETS Nru 185), magħmula f'Budapest fit-23 ta' Novembru 2001 ("il-Konvenzjoni ta' Budapest"). L-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jinftiehem f'sens tekniku, jiġifieri l-ħolqien jew il-manipulazzjoni ta' data, jiġifieri operazzjonijiet tekniċi biex jipproduċu jew ibiddlu d-data permezz tal-qawwa tal-ipproċessar tal-kompjuters. Il-kategoriji tal-fornituri tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu, pereżempju, il-postijiet tas-suq online li jipprovdu lill-konsumaturi u lin-negozji l-kapaċità li jikkomunikaw ma' xulxin u servizzi oħrajn ta' hosting, inkluż fejn is-servizz jingħata permezz tal-cloud computing, kif ukoll pjattaformi tal-logħob online u pjattaformi tal-logħob tal-azzard online. Meta fornitur tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni ma jipprovdix lill-utenti tiegħu l-kapaċità li jikkomunikaw ma' xulxin iżda biss mal-fornitur tas-servizzi, jew ma jipprovdix il-kapaċità li jaħżen jew jipproċessa b'xi mod ieħor id-data, jew fejn il-ħżin tad-data ma tkunx komponent determinanti, jiġifieri, parti essenzjali, mis-servizz ipprovdut lill-utenti, bħas-servizzi legali, ta' inġinerija arkitettonika u kontabilistiċi pprovduti online mill-bogħod, jenħtieġ li dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' "fornitur ta' servizz" stabbilita f'dan ir-Regolament, anki jekk is-servizzi pprovduti minn dak il-fornitur tas-servizzi jkunu servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/1535.

(28) Il-fornituri tas-servizzi ta' infrastruttura tal-internet relatati mal-assenjazzjoni ta' ismijiet u numri, bħar-reġistri u r-reġistraturi tal-ismijiet ta' dominji u l-fornituri tas-servizzi ta' privatezza u proxy, jew ir-reġistri reġjonali tal-internet għall-indirizzi tal-protokoll tal-internet ("IP"), huma ta' rilevanza partikolari għall-identifikazzjoni tal-atturi wara siti web malizzjużi jew kompromessi. Huma jkollhom fil-pussess tagħhom data li tista' tagħmel possibbli l-identifikazzjoni ta' individwu jew entità wara sit web użat f'attività kriminali, jew il-vittma ta' attività kriminali.

(29) Li jiġi determinat jekk fornitur tas-servizzi joffrix servizzi fl-Unjoni jirrikjedi valutazzjoni dwar jekk il-fornitur tas-servizzi jippermettix persuni fiżiċi jew ġuridiċi fi Stat Membru wieħed jew aktar jużaw is-servizzi tiegħu. Madankollu, is-sempliċi aċċessibbiltà ta' interfaċċa online fl-Unjoni, bħal pereżempju l-aċċessibbiltà ta' sit web jew ta' indirizz tal-posta elettronika jew ta' dettalji oħra ta' kuntatt ta' fornitur tas-servizzi jew ta' intermedjarju, waħedha, jenħtieġ li titqies suffiċjenti biex jiġi determinat li fornitur tas-servizz joffri servizzi fl-Unjoni fis-sens ta' dan ir-Regolament.

(30) Konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni jenħtieġ li tkun ukoll sabiex jiġi determinat jekk fornitur tas-servizzi joffrix servizzi fl-Unjoni. Tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni jeħtieġ li titqies li teżisti meta l-fornitur tas-servizzi jkollu stabbiliment fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' stabbiliment bħal dan, il-kriterju ta' konnessjoni sostanzjali jenħtieġ li jiġi bbażat fuq kriterji fattwali speċifiċi bħall-eżistenza ta' għadd sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew l-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet fid-direzzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar jenħtieġ li jiġi determinat abbażi taċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, inklużi fatturi bħall-użu ta' lingwa jew munita ġeneralment użata f'dak l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru jista' jiġi determinat ukoll mid-disponibbiltà ta' applikazzjoni ("app") fl-app store nazzjonali rilevanti, mill-forniment ta' reklamar lokali jew reklamar bil-lingwa li ġeneralment tintuża f'dak l-Istat Membru, jew mill-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-klijenti bħal pereżempju billi jiġi pprovdut servizz lill-klijent bil-lingwa li ġeneralment tintuża f'dak l-Istat Membru. Jenħtieġ ukoll li tiġi kkunsidrata wkoll li teżisti konnessjoni sostanzjali meta fornitur tas-servizzi jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]). Minnaħa l-oħra, il-forniment ta' servizz għall-fini tas-sempliċi konformità mal-projbizzjoni li ssir diskriminazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) jenħtieġ li ma jitqiesx, mingħajr raġunijiet addizzjonali, bħala li jkun qiegħed jidderieġi jew jimmira l-attivitajiet lejn territorju partikolari fl-Unjoni. Jenħtieġ li japplikaw l-istess kunsiderazzjonijiet meta jiġi ddeterminat jekk fornitur tas-servizzi joffrix servizzi fi Stat Membru.

([16]) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

([17]) Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħra ta' diskriminazzjoni bbażati fuq in-nazzjonalità tal-klijenti, il-post ta' residenza jew il-post ta' stabbiliment fis-suq intern u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2006/2004 u (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 60 I, 2.3.2018, p. 1).

(31) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-kategoriji ta' data tad-data dwar l-abbonati, id-data tat-traffiku u d-*data* ta' kontenut. Tali kategorizzazzjoni hija konformi mal-liġi ta' bosta Stati Membri u d-dritt tal-Unjoni, bħad-Direttiva 2002/58/KE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Budapest.

(32) L-indirizzi IP kif ukoll in-numri tal-aċċess u l-informazzjoni relatata jistgħu jikkostitwixxu punt ta' tluq kruċjali għal investigazzjonijiet kriminali li fihom l-identità ta' persuna suspettata ma tkunx magħrufa. Dawn huma parti tipika ta' rekord tal-avvenimenti, magħrufa wkoll bħala log tas-server, li tindika l-bidu u t-tmiem ta' sessjoni ta' aċċess tal-utent għal servizz. Din ħafna drabi tkun indirizz IP individwali, kemm jekk ikun statiku kif ukoll dinamiku, jew identifikatur ieħor li jidentifika l-interfaċċa tan-network użata waqt is-sessjoni ta' aċċess. Informazzjoni relatata dwar il-bidu u t-tmiem ta' sessjoni ta' aċċess tal-utent għal servizz, bħall-portijiet sors u l-kronogramma, huwa meħtieġ peress li l-indirizzi IP spiss jiġu kondiviżi fost l-utenti, pereżempju fejn ikun hemm fis-seħħ traduzzjoni tal-indirizz tan-network (CGN) tal-grad tat-trasportaturi jew ekwivalenti tekniċi. Madankollu, skont l-acquis tal-Unjoni, l-indirizzi IP għandhom jitqiesu bħala *data* personali u jridu jibbenefikaw mill-protezzjoni sħiħa mogħtija mill-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, f'ċerti ċirkostanzi, l-indirizzi IP jistgħu jitqiesu bħala data tat-traffiku. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, in-numri tal-aċċess u l-informazzjoni relatata jitqiesu bħala data tat-traffiku. Madankollu, għall-fini ta' investigazzjoni kriminali speċifika, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jista' jkollhom jitolbu indirizz IP kif ukoll numri tal-aċċess u l-informazzjoni relatat għall-iskop uniku li jidentifikaw l-utent qabel ma d-data dwar l-abbonati relatata ma' dak l-identifikatur tkun tista' tintalab mingħand il-fornitur tas-servizzi. F'każijiet bħal dawn, huwa xieraq li jiġi applikat l-istess reġim bħal dak għad-data dwar l-abbonati, kif definit f'dan ir-Regolament.

(33) Meta l-indirizzi IP, in-numri tal-aċċess u l-informazzjoni relatata ma jintalbux għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent f'investigazzjoni kriminali speċifika, dawn ġeneralment jiġu mitluba biex jiksbu informazzjoni aktar intrużiva għall-privatezza, bħall-kuntatti u fejn jinsab l-utent. B'hekk, jistgħu jservu biex jiġi stabbilit profil komprensiv ta' individwu kkonċernat, iżda fl-istess ħin jistgħu jiġu pproċessati u analizzati aktar faċilment mid-*data* ta' kontenut, peress li huma ppreżentati f'format strutturat u standardizzat. Għalhekk huwa essenzjali li, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-indirizzi IP, in-numri tal-aċċess u l-informazzjoni relatata mhux mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent f'investigazzjoni kriminali speċifika, jiġu ttrattati bħala data tat-traffiku u jintalbu taħt l-istess reġim għad-*data* ta' kontenut, kif definit f'dan ir-Regolament.

(34) Il-kategoriji kollha tad-data jinkludu *data* personali u għalhekk huma koperti mis-salvagwardji skont l-acquis dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni. Madankollu, l-intensità tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tvarja bejn il-kategoriji, b'mod partikolari bejn id-data dwar l-abbonati u d-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, minn naħa waħda, u d-data tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, u d-*data* ta' kontenut min-naħa l-oħra. Filwaqt li d-*data* dwar l-abbonati kif ukoll l-indirizzi IP, in-numri ta' aċċess u l-informazzjoni relatata, meta mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent, jistgħu jkunu utli biex jinkisbu l-ewwel ħjilijiet f'investigazzjoni dwar l-identità ta' persuna suspettata, id-data tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, u d-*data* ta' kontenut sikwit ikunu aktar rilevanti bħala materjal probatorju. Għalhekk huwa essenzjali li dawk il-kategoriji kollha ta' data jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Minħabba l-grad li jvarja ta' ndħil fid-drittijiet fundamentali, jenħtieġ li jiġu imposti salvagwardi u kondizzjonijiet adatti għall-ksib ta' tali data.

(35) Sitwazzjonijiet fejn ikun hemm theddida imminenti għall-ħajja, għall-integrità fiżika jew għas-sikurezza ta' persuna jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala każijiet ta' emerġenza, u jkunu jinvolvu limiti ta' żmien iqsar għall-fornitur tas-servizzi u għall-awtorità ta' infurzar. Meta t-tfixkil jew il-qerda ta' infrastruttura kritika kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE ([19]) jimplika tali theddida, inkluż permezz ta' ħsara serja għall-forniment ta' provvisti bażiċi lill-popolazzjoni jew għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ewlenin tal-Istat, tali sitwazzjoni jenħtieġ li tiġi ttrattata wkoll bħala każ ta' emerġenza, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

(36) Meta tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, jenħtieġ li dejjem ikun hemm awtorità ġudizzjarja involuta fil-proċess ta' ħruġ jew fil-proċess ta' validazzjoni tal-ordni. Minħabba n-natura aktar sensittiva tad-data tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, u tad-*data* ta' kontenut, il-ħruġ jew il-validazzjoni ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex jinkisbu dawk il-kategoriji tad-data jirrikjedi rieżami minn imħallef. billi d-data dwar l-abbonati u d-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament huma inqas sensittivi, Ordni ta' Produzzjoni

([19]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

Ewropea biex tinkiseb tali data tista' wkoll tinħareġ jew tiġi vvalidata minn prosekutur pubbliku kompetenti. F'konformità mad-dritt għal proċess ġust, kif imħares mill-Karta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-prosekuturi pubbliċi għandhom jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod oġġettiv, billi jieħdu d-deċiżjoni tagħhom fir-rigward tal-ħruġ jew il-validazzjoni ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropej jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropej abbażi biss tal-elementi fattwali fil-fajl tal-każ u filwaqt li jqisu l-evidenza inkriminatorja u li tiskaġuna kollha.

(37) Sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali jkunu mħarsa bis-sħiħ, jenħtieġ fil-prinċipju li kwalunkwe validazzjoni ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej jew Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej mill-awtoritajiet ġudizzjarji tinkiseb qabel ma tinħareġ l-ordni kkonċernata. L-eċċezzjonijiet għal dak il-prinċipju jenħtieġ li jsiru biss f'każijiet ta' emerġenza stabbiliti b'mod validu meta tintalab il-produzzjoni ta' data dwar l-abbonati jew *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent, kif definit f'dan ir-Regolament, jew il-preservazzjoni tad-data, fejn ma jkunx possibbli li tinkiseb validazzjoni minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja fil-ħin, b'mod partikolari minħabba li l-awtorità ta' validazzjoni ma tkunx tista' tintlaħaq biex tinkiseb validazzjoni u t-theddida tant tkun imminenti li tkun trid tittieħed azzjoni immedjata. Madankollu, tali eċċezzjonijiet jenħtieġ li jsiru biss meta l-awtorità li toħroġ l-ordni kkonċernata tkun tista' toħroġ ordni f'każ domestiku simili skont il-liġi nazzjonali mingħajr validazzjoni minn qabel.

(38) Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li tinħareġ biss jekk tkun meħtieġa, proporzjonata, adegwata u applikabbli għall-każ inkwistjoni. L-awtorità emittenti jenħtieġ li tqis id-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata fi proċedimenti relatati ma' reat kriminali u jenħtieġ li toħroġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biss jekk tali ordni setgħet inħarġet taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili. Il-valutazzjoni jekk tinħariġx Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li tikkunsidra jekk tali ordni tkunx limitata għal dak li jkun strettament meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li tinkiseb id-data li tkun rilevanti u neċessarja bħala evidenza f'każ individwali.

(39) F'każijiet fejn tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex jinkisbu kategoriji differenti ta' data, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tiżgura li l-kondizzjonijiet u l-proċeduri, bħan-notifika lill-awtorità tal-infurzar, ikunu ssodisfati għal kull waħda minn dawk il-kategoriji ta' data, rispettivament.

(40) Minħabba n-natura aktar sensittiva tad-data tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, u tad-*data* ta' kontenut, jenħtieġ li ssir distinzjoni rigward l-għan materjali ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun possibbli li tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb data dwar l-abbonati jew biex tinkiseb *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent, kif definit f'dan ir-Regolament, għal kull reat kriminali; filwaqt li Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb data tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut, jenħtieġ li tkun soġġetta għal rekwiżiti aktar stretti biex tiġi riflessa n-natura aktar sensittiva ta' din id-data. Ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi soll fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni li jippermetti approċċ proporzjonat, flimkien ma' għadd ta' kondizzjonijiet u salvagwardji ex ante u ex post oħra sabiex jiżguraw ir-rispett għall-proporzjonalità u d-drittijiet tal-persuni affettwati. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tali soll ma jillimitax l-effettività ta' dan ir-Regolament u l-użu tiegħu mill-professjonisti. Jekk jitħalla l-ħruġ ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej fi proċedimenti kriminali biss għar-reati li jġorru minn tal-anqas sentenza ta' kustodja massima ta' tliet snin, dan ikun jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal reati aktar serji, mingħajr ma jaffettwa eċċessivament il-possibbiltajiet tal-użu tiegħu mill-professjonisti. Dik il-limitazzjoni teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għadd sinifikanti ta' reati li huma kkunsidrati anqas serji mill-Istati Membri, kif espress f'sanzjoni massima aktar baxxa. Dik il-limitazzjoni jkollha l-vantaġġ ukoll li tkun faċilment applikabbli fil-prattika.

(41) Hemm reati speċifiċi fejn l-evidenza ġeneralment tkun disponibbli esklussivament f'forma elettronika, li għandha natura partikolarment qasira. Dan huwa l-każ għar-reati ċibernetiċi, anki dawk li jistgħu ma jkunux meqjusa bħala serji fihom infushom iżda li jistgħu jikkawżaw ħsara estensiva jew konsiderevoli, b'mod partikolari reati b'impatt individwali baxx iżda bi ħsara ta' volum għoli u kumplessiv. Għall-biċċa l-kbira tal-każijiet li fihom ir-reat ikun twettaq permezz ta' sistema tal-informazzjoni, l-applikazzjoni tal-istess soll bħal fil-każ ta' tipi oħra ta' reati fil-biċċa l-kbira twassal għal impunità. Dak jiġġustifika l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal tali reati anki meta dawn iġorru sentenza ta' kustodja massima ta' anqas minn tliet snin. Barra minn hekk, ir-reati relatati mat-terroriżmu fis-sens tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]) kif ukoll ir-reati li

([20]) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

jikkonċernaw l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fis-sens tad-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]) jenħtieġ li ma jirrikjedux is-soll minimu ta' sentenza ta' kustodja massima ta' tliet snin.

(42) Bħala kwistjoni ta' prinċipju, Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi indirizzata lill-fornitur tas-servizzi, li jaġixxi bħala kontrollur. Madankollu, f'xi ċirkostanzi, id-determinazzjoni ta' jekk fornitur tas-servizzi għandux ir-rwol ta' kontrollur jew proċessur tista' tkun partikolarment diffiċili, b'mod partikolari meta diversi fornituri tas-servizzi jkunu involuti fl-ipproċessar tad-data jew meta l-fornituri tas-servizzi jipproċessaw id-data f'isem persuna fiżika. Id-distinzjoni bejn ir-rwoli tal-kontrollur u tal-proċessur fir-rigward ta' sett partikolari ta' data teħtieġ mhux biss għarfien speċjalizzat tal-kuntest legali, iżda tista' tirrikjedi wkoll interpretazzjoni ta' oqfsa kuntrattwali spiss kumplessi ħafna li f'każ speċifiku jipprovdu allokazzjoni lil diversi fornituri tas-servizzi ta' kompiti u rwoli differenti fir-rigward ta' sett partikolari ta' data. Meta l-fornituri tas-servizzi jipproċessaw id-data f'isem persuna fiżika, f'xi każijiet jista' jkun diffiċili li jiġi ddeterminat min huwa l-kontrollur, anki meta jkun hemm fornitur tas-servizzi wieħed biss involut. Meta d-data kkonċernata tinħażen jew tiġi pproċessata b'xi mod ieħor minn fornitur tas-servizzi u ma jkun hemm l-ebda ċarezza dwar min huwa l-kontrollur, minkejja sforzi raġonevoli min-naħa tal-awtorità emittenti, jenħtieġ li għalhekk ikun possibbli li tiġi indirizzata Ordni ta' Produzzjoni Ewropea direttament lil dak il-fornitur tas-servizzi. Barra minn hekk, f'xi każijiet, l-indirizzar tal-kontrollur jista' jkun ta' detriment għall-investigazzjoni fil-każ ikkonċernat, pereżempju minħabba li l-kontrollur ikun persuna suspettata jew akkużata jew ikkundannata jew ikun hemm indikazzjonijiet li l-kontrollur jista' jkun qed jaġixxi fl-interess tal-persuna li hija s-suġġett għall-investigazzjoni. Anki f'dawk il-każijiet, jenħtieġ li jkun possibbli li Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tiġi indirizzata direttament lill-fornitur tas-servizzi li jipproċessa d-data f'isem il-kontrollur. Dak jenħtieġ li ma jaffettwax id-dritt tal-awtorità emittenti li tordna lill-fornitur tas-servizzi jippreserva d-*data*.

(43) F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, il-proċessur li jaħżen jew inkella jipproċessa d-data f'isem il-kontrollur jenħtieġ li jinforma lill-kontrollur dwar il-produzzjoni tad-data sakemm l-awtorità emittenti ma tkunx talbet lill-fornitur tas-servizzi biex iżomm lura milli jinforma lill-kontrollur, sakemm ikun meħtieġ u proporzjonat, sabiex ma jostakolax il-proċedimenti kriminali rilevanti. F'dak il-każ, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tindika fil-fajl tal-każ ir-raġunijiet għad-dewmien biex tinforma lill-kontrollur u jenħtieġ li, fiċ-ċertifikat li jakkumpanjah trażmess lid-destinatarju, tiżdied ukoll ġustifikazzjoni qasira.

(44) Meta d-data tinħażen jew tiġi pproċessata b'xi mod ieħor bħala parti minn infrastruttura pprovduta minn fornitur tas-servizzi lil awtorità pubblika, jenħtieġ li jkun possibbli biss li Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tinħareġ meta l-awtorità pubblika li għaliha tkun maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor id-data tkun tinsab fl-Istat emittenti.

(45) F'każijiet fejn id-data protetta minn privileġġ professjonali skont il-liġi tal-Istat emittenti tinħażen jew tiġi pproċessata mod ieħor minn fornitur tas-servizzi bħala parti minn infrastruttura pprovduta lil professjonisti koperti minn privileġġ professjonali ("professjonist privileġġat"), fil-kapaċità kummerċjali tagħhom, jenħtieġ li jkun possibbli li tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biss biex tinkiseb data tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut meta l-professjonist privileġġat ikun jirrisjedi fl-Istat emittent, u meta l-indirizzar tal-professjonist privileġġat jista' jkun ta' detriment għall-investigazzjoni, jew meta l-privileġġi jkunu ġew rinunzjati f'konformità mal-liġi applikabbli.

(46) Il-prinċipju ta' ne bis in idem huwa prinċipju fundamentali tal-liġi fl-Unjoni, kif rikonoxxut mill-Karta u żviluppat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Meta l-awtorità emittenti jkollha raġunijiet biex temmen li jistgħu jkunu għaddejjin proċedimenti kriminali paralleli fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li hija tikkonsulta lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru b'mod konformi mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI ([22]). Fi kwalunkwe każ, Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jeħtieġ li ma tinħariġx meta l-awtorità emittenti jkollha raġunijiet biex temmen li dan imur kontra l-prinċipju ne bis in idem.

(47) L-immunitajiet u l-privileġġi, li jistgħu jirreferu għal kategoriji ta' persuni, bħal diplomatiċi, jew relazzjonijiet protetti b'mod speċifiku, bħall-privileġġ professjonali legali jew id-dritt tal-ġurnalisti li ma jikxfux is-sorsi tal-informazzjoni tagħhom, huma msemmija fi strumenti oħra ta' rikonoxximent reċiproku bħal fid-Direttiva 2014/41/UE li tistabbilixxi l-OIE. Il-firxa u l-impatt tal-immunitajiet u tal-privileġġi jvarjaw skont il-liġi nazzjonali applikabbli li jenħtieġ li tiġi kkunsidrata meta tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, billi l-awtorità emittenti jenħtieġ li tkun tista' toħroġ l-ordni biss kieku setgħet tinħareġ taħt l-istess

([21]) Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1).

([22]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

kondizzjonijiet f'sitwazzjoni domestika simili. Ma hemm l-ebda definizzjoni komuni ta' x'jikkostitwixxi immunità jew privileġġ fid-dritt tal-Unjoni. Id-definizzjoni preċiża ta' dawk it-termini għalhekk titħalla għal-liġi nazzjonali, u d-definizzjoni tista' tinkludi protezzjonijiet li japplikaw, pereżempju, għal professjonijiet mediċi u legali, inkluż meta jintużaw pjattaformi speċjalizzati f'dawk il-professjonijiet. Id-definizzjoni preċiża ta' immunitajiet u privileġġi tista' tinkludi wkoll regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatata mal-libertà tal-istampa u l-libertà ta' espressjoni f'media oħra.

(48) Meta l-awtorità emittenti tipprova tikseb data tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, jew li tikseb *data* ta' kontenut, billi toħroġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u jkollha raġunijiet raġonevoli biex temmen li d-*data* mitluba tkun protetta b'immunitajiet jew privileġġi mogħtija mil-liġi tal-Istat tal-infurzar, jew li dik id-data hija soġġetta f'dak l-Istat għal regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatata mal-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tkun tista' tfittex kjarifika qabel toħroġ l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, inkluż billi tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-infurzar, direttament jew inkella permezz tal-Eurojust jew tan-Network Ġudizzjarju Ewropew.

(49) Jenħtieġ li jkun possibbli li tinħareġ Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għal kwalunkwe reat kriminali. L-awtorità emittenti jenħtieġ li tqis id-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata fi proċedimenti relatati ma' reat kriminali u jenħtieġ li toħroġ Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea biss jekk tali ordni setgħet inħarġet taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili u meta tkun meħtieġa, proporzjonata, adegwata u applikabbli għall-każ inkwistjoni. Il-valutazzjoni jekk tinħariġx Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jenħtieġ li tikkunsidra jekk tali ordni tkunx limitata għal dak li jkun strettament meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li jiġu evitati t-tneħħija, it-tħassir jew il-modifika ta' data li tkun rilevanti u meħtieġa bħala evidenza f'każ individwali f'sitwazzjonijiet fejn jista' jkun meħtieġ aktar żmien sabiex tinkiseb il-produzzjoni ta' dik id-*data*.

(50) L-ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej jenħtieġ li jiġu indirizzati direttament lill-istabbiliment dežinjat jew lir-rappreżentant legali, dežinjat jew maħtur mill-fornitur tas-servizzi skont id-Direttiva (UE) 2023/1544 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]). Eċċezzjonalment, f'każijiet ta' emerġenza kif definiti f'dan ir-Regolament, meta l-istabbiliment dežinjat jew ir-rappreżentant legali ta' fornitur tas-servizzi ma jirreaġixxix għaċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) jew iċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR) li jakkkumpanjah sal-iskadenzi jew ma jkunx ġie ddeżinjat jew maħtur sal-iskadenzi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2023/1544, jenħtieġ li jkun possibbli li l-EPOC jew l-EPOC-PR jiġu indirizzati lil kwalunkwe stabbiliment jew rappreżentant legali ieħor tal-fornitur tas-servizzi fl-Unjoni minflok ma jiġi mfittex l-infurzar tal-ordni inizjali f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew flimkien magħha. Minħabba dawn ix-xenarji possibbli differenti, fid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jintuża t-terminu ġenerali "destinatarju".

(51) Minħabba n-natura aktar sensittiva ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut huwa xieraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' notifika applikabbli għall-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej biex jinkisbu dawk il-kategoriji ta' *data*. Dak il-mekkaniżmu ta' notifika jenħtieġ li jinvolvi awtorità tal-infurzar u jikkonsisti fit-trażmissjoni tal-EPOC lil dik l-awtorità fl-istess ħin li l-EPOC jiġi trażmess lid-destinatarju. Madankollu, meta tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali b'rabtiet sostanzjali u b'saħħithom mal-Istat emittenti, jenħtieġ li ma tkun meħtieġa l-ebda notifika lill-awtorità tal-infurzar. Tali rabtiet jenħtieġ li jiġu assunti meta, fil-mument tal-ħruġ tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, l-awtorità emittenti jkollha raġunijiet raġonevoli biex temmen li r-*reat* twettaq, qed jitwettaq jew x'aktarx li jitwettaq fl-Istat emittenti, u meta l-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab tirrisjedi fl-Istat emittenti.

(52) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, reat jenħtieġ li ma jitqiesx bħala li twettaq, li qed jitwettaq jew li x'aktarx jitwettaq fl-Istat emittenti jekk jitqies hekk f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti. F'xi każijiet, speċjalment fil-qasam taċ-ċiberkriminalità, xi elementi fattwali, bħall-post ta' residenza tal-vittma, normalment huma indikazzjonijiet importanti li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi ddeterminat fejn twettaq ir-reat. Pereżempju, id-delitti ta' ransomware spiss jistgħu jitqiesu li twettqu fejn tirrisjedi l-vittma ta' tali reat, anki meta l-post eżatt minn fejn ikun tnieda r-ransomware ma jkunx ċert. Kwalunkwe determinazzjoni dwar il-post fejn twettaq ir-reat jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fuq ir-reati rilevanti skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

([23]) Id-Direttiva (UE) 2023/1544 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar id-dežinjazzjoni ta' stabbilimenti dežinjati u l-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza elettronika fi proċeduri kriminali (ara paġna 181 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(53) Huwa f'idejn l-awtorità emittenti li tivvaluta, fil-mument tal-ħruġ tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, jew li tinkiseb *data* ta' kontenut, u abbażi tal-materjal quddiemha, jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab tirrisjedi fl-Istat emittenti. F'dan ir-rigward, jistgħu jkunu rilevanti diversi ċirkustanzi oġġettivi li jistgħu jindikaw li l-persuna kkonċernata stabbilixxiet iċ-ċentru abitwali tal-interessi tagħha fi Stat Membru partikolari jew li għandha l-intenzjoni li tagħmel dan. Mill-ħtieġa għal applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u mill-prinċipju tal-ugwaljanza jirriżulta li l-kunċett ta' "residenza" f'dan il-kuntest partikolari jenħtieġ li jingħata interpretazzjoni uniformi fl-Unjoni kollha. Raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li persuna tirrisjedi fi Stat emittenti jistgħu jeżistu, b'mod partikolari, meta persuna tkun irreġistrata bħala residenti fi Stat emittenti, kif indikat mill-pussess ta' karta tal-identità jew permess ta' residenza jew billi tkun irreġistrata f'reġistru uffiċjali ta' residenza. Fin-nuqqas ta' reġistrazzjoni fl-Istat emittenti, ir-residenza tista' tiġi indikata mill-fatt li persuna tkun uriet l-intenzjoni li tistabbilixxi ruħha f'dak l-Istat Membru jew tkun kisbet, wara perijodu stabbli ta' preżenza f'dak l-Istat Membru, ċerti rabtiet ma' dak l-Istat li jkunu ta' grad simili għal dawk li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' residenza formali f'dak l-Istat Membru. Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'sitwazzjoni speċifika, jeżistux rabtiet suffiċjenti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat emittenti li jagħtu lok għal raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata tirrisjedi f'dan l-Istat, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi elementi oġġettivi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta' din il-persuna, fosthom, b'mod partikolari, it-tul, in-natura u l-kondizzjonijiet tal-preżenza tal-persuna kkonċernata fl-Istat emittenti jew ir-rabtiet familjari jew ekonomiċi li din il-persuna jkollha ma' dan l-Istat Membru. Vettura rreġistrata, kont bankarju, il-fatt li s-soġġorn tal-persuna fl-Istat emittenti ma kienx interrott jew fatturi oġġettivi oħra jistgħu jkunu ta' rilevanza sabiex jiġi ddeterminat li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata tirrisjedi fl-Istat emittenti. Żjara qasira, vaganza, inkluż f'dar tal-vaganzi, jew soġġorn simili fl-Istat emittenti mingħajr ebda rabta sostanzjali oħra mhijiex biżżejjed biex tiġi stabbilita residenza f'dak l-Istat Membru. F'każijiet fejn, fil-mument tal-ħruġ tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit f'dan ir-Regolament, jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut, l-awtorità emittenti ma jkollhiex raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab tirrisjedi fl-Istat emittenti, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tinnotifika lill-awtorità tal-infurzar.

(54) Sabiex tkun prevista proċedura rapida, il-mument rilevanti meta għandu jiġi ddeterminat jekk hemmx il-ħtieġa li l-awtorità tal-infurzar tiġi nnotifikata jenħtieġ li jkun il-mument meta tinħareġ l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. Kwalunkwe bidla sussegwenti tar-residenza jenħtieġ li ma jkollha ebda impatt fuq il-proċedura. Il-persuna kkonċernata jenħtieġ li tkun tista' tinvoka d-drittijiet tagħha kif ukoll ir-regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatata mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'media oħra, matul il-proċedimenti kriminali kollha, u l-awtorità tal-infurzar jenħtieġ li tkun tista' tqajjem raġuni għal rifjut meta, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen, abbażi ta' evidenza speċifika u oġġettiva, li l-eżekuzzjoni tal-ordni, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tkun tinvolvi ksur ċar ta' dritt fundamentali rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu invokati dawk ir-raġunijiet matul il-proċedura għall-eżekuzzjoni.

(55) Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi trażmessa permezz ta' EPOC, u Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi trażmessa permezz ta' EPOC-PR. Fejn ikun meħtieġ, l-EPOC jew l-EPOC-PR jenħtieġ li jiġu tradotti f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni aċċettata mid-destinatarju. Meta ma tkun ġiet speċifikata l-ebda lingwa mill-fornitur tas-servizzi, l-EPOC jew l-EPOC-PR jenħtieġ li jiġu tradotti f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-istabbiliment dežinjat jew ir-rappreżentant legali tal-fornitur tas-servizzi, jew f'lingwa uffiċjali oħra li l-istabbiliment dežinjat jew ir-rappreżentant legali tal-fornitur tas-servizzi jkunu ddikjaraw li se jaċċettaw. Meta tkun meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont dan ir-Regolament, l-EPOC li għandu jiġi trażmess lil dik l-awtorità jenħtieġ li jiġi tradott f'lingwa uffiċjali tal-Istat tal-infurzar jew f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni aċċettata minn dak l-Istat. F'dak ir-rigward, kull Stat Membru jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ jiddikjara, fi kwalunkwe mument, f'dikjarazzjoni bil-miktub ippreżentata lill-Kummissjoni jekk jaċċettax traduzzjonijiet ta' EPOCs u EPOC-PRs, u b'liema lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Unjoni minbarra l-lingwa jew il-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru, jaċċettahom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqiegħed tali dikjarazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha u tan-Network Ġudizzjarju Ewropew.

(56) Meta jkun inħareġ EPOC u ma tkunx meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont dan ir-Regolament, id-destinatarju jenħtieġ li jiżgura, malli jirċievi l-EPOC, li d-*data* mitluba tiġi trażmessa direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif indikat fl-EPOC sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara li jkun irċieva l-EPOC. Meta tkun meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont dan ir-Regolament, malli jirċievi l-EPOC, il-fornitur tas-servizzi jenħtieġ li jaġixxi malajr biex jippreserva d-*data*. Meta l-awtorità tal-infurzar ma tkun invokat l-ebda raġuni għar-rifjut skont dan ir-Regolament fi żmien 10 ijiem wara li tkun irċeviet l-EPOC, id-destinatarju jenħtieġ li jiżgura li d-*data* mitluba tiġi trażmessa direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet

tal-infurzar tal-liġi kif indikat fl-EPOC fi tmiem dak il-perjodu ta' 10 ijiem. Meta l-awtorità tal-infurzar, diġà qabel tmiem il-perjodu ta' 10 ijiem, tikkonferma lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju li mhijiex se tqajjem ebda raġunijiet għal rifjut, jenħtieġ li d-destinatarju jagħixxi malajr kemm jista' jkun fuq tali konferma u mhux aktar tard minn tmiem dak il-perjodu ta' 10 ijiem. Il-limiti ta' żmien iqsar applikabbli f'każijiet ta' emerġenza kif definiti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu rispettati mid-destinatarju, u, fejn applikabbli, mill-awtorità tal-infurzar. Id-destinatarju, u, fejn applikabbli, l-awtorità tal-infurzar, jenħtieġ li jeżegwixxu l-EPOC malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-iskadenzi stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jqisu kemm jista' jkun l-iskadenzi proċedurali u skadenzi oħra indikati mill-Istat emittenti.

(57) Meta d-destinatarju jqis, abbażi biss tal-informazzjoni li tinsab fl-EPOC jew fl-EPOC-PR, li l-eżekuzzjoni tal-EPOC jew tal-EPOC-PR tista' tinterferixxi mal-immunitajiet jew mal-privileġġi, jew mar-regoli dwar id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali li jirrigwardaw il-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar, jenħtieġ li d-destinatarju jinforma lill-awtorità emittenti u lill-awtorità tal-infurzar. Fir-rigward tal-EPOCs, meta ma tkun saret l-ebda notifika lill-awtorità tal-infurzar skont dan ir-Regolament, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tqis l-informazzjoni li tirċievi mingħand id-destinatarju, u jenħtieġ li tiddeċiedi, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-awtorità tal-infurzar, jekk tirtirax, tadattax jew iżżommx l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. Meta tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtorità emittenti tqis l-informazzjoni li tirċievi mingħand id-destinatarju u tiddeċiedi jekk tirtirax, tadattax jew iżżommx l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-awtorità tal-infurzar tinvoka r-raġunijiet għal rifjut stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(58) Sabiex id-destinatarju jkun jista' jindirizza problemi formali b'EPOC jew b'EPOC-PR, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura għall-komunikazzjoni bejn id-destinatarju u l-awtorità emittenti, kif ukoll, meta tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar skont dan ir-Regolament, bejn id-destinatarju u l-awtorità tal-infurzar, f'każijiet fejn l-EPOC jew l-EPOC-PR ma jkunx komplut jew ikun fih żbalji ovvji jew ma jkunx fih biżżejjed informazzjoni sabiex tiġi eżegwita l-ordni kkonċernata. Barra minn hekk, jekk id-destinatarju ma jipprovdix l-informazzjoni b'mod eżawrjenti u f'waqtu għal kwalunkwe raġuni oħra, pereżempju għax jikkunsidra li jkun hemm kunflitt ma' obbligu skont il-liġi ta' pajjiż terz, jew għax jikkunsidra li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ma tkunx inħarġet skont il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, huwa jenħtieġ li jinforma lill-awtorità emittenti, kif ukoll f'każ li tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar, lill-awtorità tal-infurzar, u jipprovdi l-ġustifikazzjonijiet talli ma eżegwixxiex l-EPOC jew l-EPOC-PR fil-mument opportun. Il-proċedura ta' komunikazzjoni għalhekk jenħtieġ li tippermetti l-korrezzjoni jew il-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea mill-awtorità emittenti fi stadju bikri. Sabiex jiggarantixxi d-disponibbiltà tad-*data* mitluba, id-destinatarju jenħtieġ li jippreserva dik id-*data* jekk dak id-destinatarju jkun jista' jidentifika dik id-*data*.

(59) Jenħtieġ li d-destinatarju ma jkunx obbligat jikkonforma mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew mal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea fil-każ ta' impossibbiltà *de facto* minħabba ċirkostanzi mhux attribwibbli lid-destinatarju jew, jekk ikun differenti, lill-fornitur tas-servizzi fiż-żmien meta tkun waslet l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea. Impossibbiltà *de facto* jenħtieġ li tiġi preżunta jekk il-persuna li d-*data* tagħha tkun intalbet ma tkunx klijent tal-fornitur tas-servizzi jew ma tistax tiġi identifikata bħala tali anki wara talba għal aktar informazzjoni lill-awtorità emittenti, jew jekk id-*data* tkun tħassret legalment qabel ma kienet irċevuta l-ordni.

(60) Malli jirċievi EPOC-PR, id-destinatarju jenħtieġ li jippreserva d-*data* mitluba għal massimu ta' 60 jum sakemm l-awtorità emittenti ma tikkonfermax li tkun inħarġet talba sussegwenti għall-produzzjoni, f'liema każ il-preservazzjoni jenħtieġ li titkompla. L-awtorità emittenti jenħtieġ li tkun tista' testendi t-tul ta' żmien tal-preservazzjoni bi 30 jum addizzjonali fejn meħtieġ biex tippermetti l-ħruġ ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni, bl-użu tal-formola stabbilita f'dan ir-Regolament. Meta l-awtorità emittenti tikkonferma waqt il-perjodu ta' preservazzjoni li tkun inħarġet talba sussegwenti għall-produzzjoni, id-destinatarju jenħtieġ li jippreserva d-*data* għal kemm ikun hemm bżonn biex jipproduċi d-*data* ladarba jirċievi t-talba sussegwenti għall-produzzjoni. Tali konferma jenħtieġ li tintbagħat lid-destinatarju sal-iskadenza rilevanti, f'lingwa uffiċjali tal-Istat tal-infurzar jew fi kwalunkwe lingwa oħra aċċettata mid-destinatarju, bl-użu tal-formola stabbilita f'dan ir-Regolament. Sabiex il-preservazzjoni ma titħalliex tieqaf, jenħtieġ li jkun biżżejjed li t-talba sussegwenti għall-produzzjoni tkun inħarġet u li l-konferma tkun intbagħtet mill-awtorità emittenti; jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ li jitlestew aktar formalitajiet meħtieġa għat-trażmissjoni, bħat-traduzzjoni ta' dokumenti, f'dak il-mument. Meta l-preservazzjoni ma tkunx aktar meħtieġa, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tinforma lid-destinatarju mingħajr dewmien żejjed u l-obbligu tal-preservazzjoni abbażi tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jenħtieġ li jieqaf.

(61) Minkejja l-prinċipju tal-fiduċja reċiproka, jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtorità tal-infurzar tqajjem raġunijiet għar-rifjut ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, meta tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar skont dan ir-Regolament, abbażi tal-lista ta' raġunijiet għal rifjut prevista f'dan ir-Regolament. Meta notifika lill-awtorità tal-infurzar, jew infurzar, issir f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istat tal-infurzar jista' jipprovdi skont il-liġi nazzjonali li l-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tista' tirrikjedi l-involviment proċedurali ta' qorti fl-Istat tal-infurzar.

(62) Meta l-awtorità tal-infurzar tiġi nnotifikata b'Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent, kif definit f'dan ir-Regolament, jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut, jenħtieġ li jkollha d-dritt li tivvaluta l-informazzjoni stabbilita fl-ordni u, fejn xieraq, tirrifjutaha meta, abbażi ta' analiżi obbligatorja u dovuta tal-informazzjoni li tinsab f'dik l-ordni u b'osservanza tar-regoli applikabbli tad-dritt primarju tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta, hija tasal għall-konklużjoni li jistgħu jitqajmu raġuni waħda jew aktar għar-rifjut previsti f'dan ir-Regolament. Il-ħtieġa li tiġi rispettata l-indipendenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji teħtieġ li jingħata grad ta' diskrezzjoni lil dawk l-awtoritajiet meta jieħdu deċiżjonijiet dwar ir-raġunijiet għal rifjut.

(63) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtorità tal-infurzar, fejn tiġi nnotifikata skont dan ir-Regolament, tirrifjuta Ordni ta' Produzzjoni Ewropea meta d-*data* mitluba tkun protetta minn immunitajiet jew privileġġi mogħtija skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar li jipprevjenu l-eżekuzzjoni jew l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, jew fejn id-*data* mitluba tkun koperta minn regoli dwar id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatati mal-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, li jipprevjenu l-eżekuzzjoni jew l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

(64) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtorità tal-infurzar tirrifjuta ordni, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, fejn ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex temmen, abbażi ta' evidenza speċifika u oġġettiva, li l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tkun tinvolvi ksur ċar ta' dritt fundamentali rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta. B'mod partikolari, meta tevalwa dik ir-raġuni għal rifjut, meta l-awtorità tal-infurzar ikollha għad-dispożizzjoni tagħha evidenza jew materjal bħal dak stabbilit fi proposta motivata minn terz tal-Istati Membri, mill-Parlament Ewropew jew mill-Kummissjoni Ewropea, adottata skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, li jindikaw li hemm riskju ċar, jekk l-ordni tiġi eżegwita, ta' ksur serju tad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv u għal proċess ġust skont l-Artikolu 47 tal-Karta, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat emittenti, l-awtorità tal-infurzar jenħtieġ li tiddetermina b'mod speċifiku u preċiż jekk, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni personali tal-persuna kkonċernata, kif ukoll tan-natura tar-reat li għalih jitwettqu l-proċeduri kriminali, u l-kuntest fattwali li jifforma l-bażi tal-ordni, u fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-awtorità emittenti, hemmx raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm riskju ta' ksur tad-dritt ta' persuna għal smigħ xieraq.

(65) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtorità tal-infurzar tirrifjuta ordni meta l-eżekuzzjoni ta' tali ordni tmur kontra l-prinċipju ta' ne bis in idem.

(66) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtorità tal-infurzar, meta tiġi nnotifikata skont dan ir-Regolament, tirrifjuta Ordni ta' Produzzjoni Ewropea f'każ li l-imġiba li għaliha tkun inħarġet l-ordni ma tkunx tikkostitwixxi reat fil-liġi tal-Istat tal-infurzar, sakemm dan ma jikkonċernax reat elenkat fil-kategoriji ta' reati stabbiliti f'anness għal dan ir-Regolament, kif indikat mill-awtorità emittenti fl-EPOC, jekk ikun punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-anqas tliet snin.

(67) Peress li huwa element essenzjali li l-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab tiġi infurmata fir-rigward tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* u tad-drittijiet ta' difiża, minħabba li dan jippermetti li jsir rieżami effettiv u rimedju ġudizzjarju, f'konformità mal-Artikolu 6 tat-TUE u l-Karta, jenħtieġ li l-awtorità emittenti tinforma lill-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab, mingħajr dewmien żejjed, dwar il-produzzjoni ta' *data* abbażi ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. Madankollu, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tkun tista', f'konformità mal-liġi nazzjonali, tittardja jew tirrestrinġi l-informazzjoni jew tonqos milli tinforma lill-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab, sa fejn, u sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/680, f'liema każ l-awtorità emittenti jenħtieġ li tindika fil-fajl tal-każ ir-raġunijiet għad-dewmien, ir-restrizzjoni jew l-ommissjoni u żżid ġustifikazzjoni qasira fl-EPOC. Id-destinatarji u, jekk ikunu differenti, il-fornituri tas-servizzi jenħtieġ li jieħu l-miżuri operazzjonali u tekniċi l-aktar avvanzati meħtieġa sabiex jiżgura l-kunfidenzjalità, is-segretezza u l-integrità tal-EPOC jew tal-EPOC-PR u tad-*data* prodotta jew ippreservata.

(68) Jenħtieġ li jkun possibbli li fornitur tas-servizzi jitlob rimborż tal-kostijiet tiegħu biex iwieġeb għal Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew għal Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea mill-Istat emittenti, jekk dik il-possibbiltà tkun prevista fil-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti għal ordnijiet domestiċi f'sitwazzjonijiet simili, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli nazzjonali tagħhom għal rimborż u l-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblikahom. Dan ir-Regolament jipprevedi regoli separati applikabbli għar-rimborż tal-kostijiet relatati mas-sistema tal-IT deċentralizzata.

(69) Minħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali li jipprevedu l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet pekunjarji applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-sanzjonijiet pekunjarji previsti fil-liġi nazzjonali tagħhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Jenħtieġ li l-Istati Membri, minħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u jenħtieġ li jinnotifikawha, minħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

(70) Meta jivvalutaw fil-każ individwali s-sanzjoni pekunjarja xierqa, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, bħan-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur, jekk ikunx twettaq intenzjonalment jew b'negliġenza, jekk il-fornitur tas-servizzi nżammx responsabbli għal ksur preċedenti simili u s-saħħa finanzjarja tal-fornitur tas-servizzi miżmum responsabbli. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dik il-valutazzjoni tista' twassal lill-awtorità tal-infurzar biex tiddeċiedi li tastjeni milli timponi sanzjonijiet pekunarji. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-mikrointrapriżi li jonqsu milli jikkonformaw ma' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea f'każ ta' emerġenza minħabba nuqqas ta' riżorsi umani barra mill-ħinijiet tax-xogħol normali, jekk id-*data* tiġi trażmessa minħajr dewmien żejjed.

(71) Minħajr preġudizzju għall-obbligi dwar il-protezzjoni tad-*data*, jenħtieġ li l-forniturі tas-servizzi ma jinżammux responsabbli fl-Istati Membri għall-ħsara kkawżata lill-utenti tagħhom jew lil partijiet terzi li tirriżulta esklussivament mill-konformità bona fide ma' EPOC jew ma' EPOC-PR. Ir-responsabbiltà għall-iżgurar tal-legalità tal-ordni kkonċernata, b'mod partikolari l-ħtieġa u l-proporzjonalità tagħha, jenħtieġ li tkun tal-awtorità emittenti.

(72) Meta d-destinatarju ma jikkonformax ma' EPOC sal-iskadenza jew ma' EPOC-PR, minħajr ma jipprovdi raġunijiet aċċettabbli għall-awtorità emittenti u, jekk ikun il-każ, meta l-awtorità tal-infurzar ma tkunx invokat xi waħda mir-raġunijiet għal rifjut kif previst f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtorità emittenti titlob lill-awtorità tal-infurzar tinforza l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-awtorità emittenti tittrasferixxi l-ordni kkonċernata, il-formola rilevanti prevista f'dan ir-Regolament, kif ikkompletata mid-destinatarju, u kwalunkwe dokument rilevanti lill-awtorità tal-infurzar. L-awtorità emittenti jenħtieġ li tittraduċi l-ordni kkonċernata u kwalunkwe dokument li jrid jiġi ttrasferit f'waħda mil-lingwi aċċettati mill-Istat tal-infurzar u jenħtieġ li tinforma lid-destinatarju dwar it-trasferiment. Dak l-Istat jenħtieġ li jinfurza l-ordni kkonċernata skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

(73) Il-proċedura għall-infurzar jenħtieġ li tippermetti lid-destinatarju jinvoka raġunijiet kontra l-infurzar, abbażi ta' lista ta' raġunijiet speċifiċi previsti f'dan ir-Regolament, inkluż li l-ordni kkonċernata ma tkunx inħarġet jew ġiet ivvalidata minn awtorità kompetenti kif previst f'dan ir-Regolament, jew meta l-ordni ma tikkonċernax *data* maħżuna minn jew f'isem il-fornitur tas-servizzi fil-mument tar-riċevuta taċ-ċertifikat rilevanti. Jenħtieġ li l-awtorità tal-infurzar tkun tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi u tinforza Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea abbażi ta' dawk l-istess raġunijiet, u wkoll, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, minħabba l-ksur manifest ta' dritt fundamentali rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-TUE u l-Karta. L-awtorità tal-infurzar jenħtieġ li tikkonsulta mal-awtorità emittenti qabel tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew li ma tinforzax l-ordni, abbażi ta' dawk ir-raġunijiet. Meta d-destinatarju ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu skont Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea rikonoxxuta li l-infurzabbiltà tagħha tkun ġiet ikkonfermata mill-awtorità tal-infurzar, dik l-awtorità jenħtieġ li timponi sanzjoni pekunjarja. Dik is-sanzjoni jenħtieġ li tkun proporzjonata, b'mod partikolari fid-dawl ta' ċirkostanzi speċifiċi bħan-nuqqas ta' konformità ripetut jew sistemiku.

(74) Il-konformità ma' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tista' tmur kontra obbligu skont il-liġi applikabbli ta' pajjiż terz. Biex tiġi żgurata l-korteżija fir-rigward tal-interessi sovrani ta' pajjiżi terzi, biex jiġi protett l-individwu kkonċernat u biex jiġu indirizzati l-obbligi konfliġġenti fuq il-forniturі tas-servizzi, dan ir-Regolament jipprevedi mekkaniżmu speċifiku għal stħarriġ ġudizzjarju fejn il-konformità ma' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea timpedixxi lill-fornitur tas-servizzi milli jikkonforma ma' obbligi legali li jirriżultaw mil-liġi ta' Stat terz.

(75) Meta d-destinatarju jqis li Ordni ta' Produzzjoni Ewropea f'każ speċifiku tinvolvi l-ksur ta' obbligu legali li jirriżulta mil-liġi ta' pajjiż terz, jenħtieġ li jinforma lill-awtorità emittenti u lill-awtorità tal-infurzar bir-raġunijiet tiegħu għaliex ma eżegwiex l-ordni permezz ta' oġġezzjoni motivata, billi juża l-formola pprovduta f'dan ir-Regolament. L-awtorità emittenti jenħtieġ li tirrieżamina l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea abbażi tal-oġġezzjoni motivata u kwalunkwe input mogħti mill-Istat tal-infurzar, billi tikkunsidra l-istess kriterji li l-qorti kompetenti tal-Istat emittenti tkun trid issegwi. Meta l-awtorità emittenti jkollha l-intenzjoni li żżomm l-ordni, hija jenħtieġ li titlob rieżami mill-qorti kompetenti tal-Istat emittenti, kif notifikat mill-Istat Membru rilevanti, li jenħtieġ li jirrevedi l-ordni.

(76) Sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' obbligu konfliġġenti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ li jkun qiegħed jiġi eżaminat, il-qorti kompetenti tkun tista' tibbaża fuq għarfien espert estern xieraq fejn meħtieġ, pereżempju dwar l-interpretazzjoni tal-liġi tal-pajjiż terz ikkonċernat. Għal dak l-għan, il-qorti kompetenti tista' pereżempju tikkonsulta l-awtorità ċentrali tal-pajjiż terz, b'kont meħud tad-Direttiva (UE) 2016/680. L-informazzjoni jenħtieġ li, b'mod partikolari, tintalab mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz mill-Istat emittenti meta l-kunflitt jikkonċerna drittijiet fundamentali jew interessi fundamentali oħra tal-pajjiż terz relatati mas-sigurtà u d-difiża nazzjonali.

(77) Il-kompetenza esperta dwar l-interpretazzjoni tista' tiġi pprovduta wkoll permezz ta' opinjonijiet esperti fejn ikunu disponibbli. L-informazzjoni u l-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-liġi ta' pajjiż terz u dwar il-proċeduri għall-kunflitt tal-liġi fl-Istati Membri jenħtieġ li jkunu disponibbli fuq pjattaforma ċentrali bħall-proġett SIRIUS jew in-Network Ġudizzjarju Ewropew, bil-ħsieb li jkun possibbli li jinkiseb benefiċċju mill-esperjenza u l-kompetenza esperta dwar l-istess kwistjonijiet jew kwistjonijiet simili. Id-disponibbiltà ta' tali informazzjoni fuq pjattaforma ċentrali jenħtieġ li ma tipprevjenix konsultazzjoni mġedda mal-istat terz fejn ikun xieraq.

(78) Meta tivvaluta jekk jeżistux obbligi konfliġġenti, jenħtieġ li l-qorti kompetenti tiddetermina jekk il-liġi tal-pajjiż terz hijiex applikabbli u jekk iva, jekk il-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxix id-divulgazzjoni tad-*data* kkonċernata. Meta l-qorti kompetenti tistabbilixxi li l-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi d-divulgazzjoni tad-*data* kkonċernata, dik il-qorti jenħtieġ li tiddetermina jekk iżżommx jew tirtirax l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, billi tiżen għadd ta' elementi li huma mfassla sabiex jaċċertaw is-saħħa tal-konnessjoni ma' xi waħda miż-żewġ ġurisdizzjonijiet involuti, l-interessi rispettivi tal-ksib jew tal-prevenzjoni tad-divulgazzjoni tad-*data*, u l-konsegwenzi possibbli għad-destinatarju jew għall-fornitur tas-servizzi li jikkonforma mal-ordni. Jenħtieġ li jingħataw importanza u piż partikolari lill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali mil-liġi rilevanti tal-pajjiż terz u interessi fundamentali oħrajn, bħall-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-pajjiż terz, kif ukoll il-grad tal-konnessjoni bejn il-kawża kriminali u xi waħda miż-żewġ ġurisdizzjonijiet meta titwettaq il-valutazzjoni. Jekk il-qorti tiddeċiedi li tirtira l-ordni, hija jenħtieġ li tinforma lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju. Jekk il-qorti kompetenti tiddeċiedi li l-ordni għandha tinżamm, hija jenħtieġ li tinforma lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju, u dak id-destinatarju jenħtieġ li jipproċedi bl-eżekuzzjoni ta' dik l-ordni. L-awtorità emittenti jenħtieġ li tinforma lill-awtorità tal-infurzar dwar l-eżitu tal-proċedura ta' rieżami.

(79) Il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-eżekuzzjoni ta' EPOC jenħtieġ li jkunu applikabbli wkoll f'każ ta' obbligi konfliġġenti li jirriżultaw mil-liġi ta' pajjiż terz. Għalhekk, matul ir-rieżami ġudizzjarju fejn il-konformità ma' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tipprevjeni lill-forniturі tas-servizzi milli jikkonformaw ma' obbligu legali li jirriżulta mil-liġi ta' pajjiż terz, id-*data* mitluba minn dik l-ordni jenħtieġ li tiġi ppreservata. Meta, wara l-istħarriġ ġudizzjarju, il-qorti kompetenti tiddeċiedi li tirtira Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, jenħtieġ li jkun possibbli li tinħareġ Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea biex tippermetti lill-awtorità emittenti tfittex il-produzzjoni tad-*data* permezz ta' mezzi oħra, bħall-assistenza legali reċiproka.

(80) Huwa essenzjali li l-persuni kollha li d-*data* tagħhom tiġi mitluba f'investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali jkollhom aċċess għal rimedju legali effettiv, f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta. F'konformità ma' dak ir-rekwiżit u mingħajr preġudizzju għal rimedji legali ulterjuri disponibbli f'konformità mal-liġi nazzjonali, kwalunkwe persuna li d-*data* tagħha tkun intalbet permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li jkollha d-dritt għal rimedji effettivi kontra dik l-ordni. Meta dik il-persuna tkun persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna jenħtieġ li jkollha d-dritt għal rimedji effettivi matul il-proċedimenti kriminali li fihom id-*data* qed tintuża bħala evidenza. Id-dritt għal rimedji effettivi jenħtieġ li jiġi eżerċitat quddiem qorti fl-Istat emittenti skont il-liġi nazzjonali tiegħu u jenħtieġ li jinkludi l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-legalità tal-miżura, inklużi n-neċessità u l-proporzjonalità tagħha, mingħajr preġudizzju għall-garanziji tad-drittijiet fundamentali fl-Istat tal-infurzar, jew rimedji ulterjuri oħrajn skont il-liġi nazzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jillimitax ir-raġunijiet possibbli sabiex tiġi kkontestata l-legalità ta' ordni. Id-dritt għal rimedji effettivi previst f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt li wieħed ifittex rimedji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680. Jenħtieġ li tingħata informazzjoni fi żmien dovut dwar il-possibbiltajiet skont il-liġi nazzjonali biex jinstabu rimedji u jenħtieġ li jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv.

(81) Jenħtieġ li jiġu żviluppati kanali xierqa biex jiġi żgurat li l-partijiet kollha jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod effiċjenti b'mezzi diġitali, permezz ta' sistema deċentralizzata tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) li tippermetti l-iskambju elettroniku transfruntier rapidu, dirett, interoperabbli, sostenibbli, affidabbli u sigur ta' formoli, *data* u informazzjoni relatati mal-każijiet.

(82) Sabiex tkun tista' ssir komunikazzjoni bil-miktub effiċjenti u sigura bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-istabbilimenti jew ir-rappreżentanti legali dežinjati tal-forniturі tas-servizzi skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk l-istabbilimenti jew ir-rappreżentanti legali dežinjati jiġu pprovduti mezzi elettroniċi ta' aċċess għas-sistemi tal-IT nazzjonali, parti mis-sistema tal-IT deċentralizzata, imħaddma mill-Istati Membri.

(83) Is-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li tkun magħmula mis-sistemi tal-IT tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, u l-punti ta' aċċess interoperabbli, li permezz tagħhom dawk is-sistemi tal-IT huma interkonnessi. Il-punti ta' aċċess tas-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li jkunu bbażati fuq is-sistema e-CODEX, stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]).

(84) Il-forniturі tas-servizzi li jagħmlu użu minn soluzzjonijiet tal-IT personalizzati għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' *data* relatati ma' talbiet għal evidenza elettronika jenħtieġ li jiġu pprovduti mezzi awtomatizzati ta' aċċess għas-sistemi tal-IT deċentralizzati permezz ta' standard komuni għall-iskambju tad-*data*.

(85) Bħala regola, kull komunikazzjoni bil-miktub bejn l-awtoritajiet kompetenti jew bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-istabbilimenti jew ir-rappreżentanti legali dežinjati jenħtieġ li titwettaq permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata. Jenħtieġ li jkun biss possibbli li jintużaw mezzi alternattivi meta l-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata ma jkunx possibbli, pereżempju minħabba rekwiżiti forensiċi speċifiċi, minħabba li l-volum tad-*data* li għandha tiġi ttrasferita jkun imfixkel minn restrizzjonijiet ta' kapaċità teknika, jew minħabba li stabbiliment ieħor li ma jkunx konness mas-sistema tal-IT deċentralizzata jkun jeħtieġ li jiġi indirizzat f'każ ta' emerġenza. F'każijiet bħal dawn, it-trażmissjoni jenħtieġ li titwettaq bl-aktar mezzi alternattivi xierqa, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat skambju rapidu, sigur u affidabbli tal-informazzjoni.

(86) Sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-IT deċentralizzata jkun fiha rekord sħiħ ta' skambji bil-miktub skont dan ir-Regolament, kwalunkwe trażmissjoni mwettqa b'mezzi alternattivi jenħtieġ li tiġi rreġistrata fis-sistema tal-IT deċentralizzata mingħajr dewmien żejjed.

(87) L-użu ta' mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-awtentiċità, kif previst fir-Regolament bir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]), jenħtieġ li jiġi kkunsidrat.

(88) Il-forniturі tas-servizzi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li ma jiġux esposti għal kostijiet sproporzjonati fir-rigward tal-istabbiliment u t-tħaddim tas-sistema tal-IT deċentralizzata. Bħala parti mill-holqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-implimentazzjoni ta' referenza, il-Kummissjoni għalhekk għandha wkoll tagħmel disponibbli interfaċċa bbażata fuq il-web li tippermetti lill-forniturі tas-servizzi jikkomunikaw b'mod sigur mal-awtoritajiet mingħajr ma jkollhom jistabbilixxu l-infrastruttura ddedikata tagħhom stess sabiex jaċċessaw is-sistema tal-IT deċentralizzata.

(89) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jużaw software żviluppat mill-Kummissjoni, jiġifieri s-software ta' implimentazzjoni ta' referenza, minflok sistema tal-IT nazzjonali. Dak is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza għandu jkun ibbażat fuq konfigurazzjoni modulari, li jfisser li s-software jiġi ppakkjat u kkonsenjat b'mod separat mill-komponenti tas-sistema e-CODEX meħtieġa biex is-software jiġi konness mas-sistema tal-IT deċentralizzata. Jenħtieġ li dak l-arranġament jippermetti lill-Istati Membri jużaw mill-ġdid jew itejbu l-infrastruttura tal-komunikazzjoni ġudizzjarja nazzjonali rispettiva eżistenti tagħhom għall-fini tal-użu transfruntier.

(90) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun responsabbli għall-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal, tiżviluppa u tmantni s-software ta' implimentazzjoni ta' referenza f'konformità mar-rekwiżiti u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]), fir-Regolament (UE) 2016/679 u fid-Direttiva (UE) 2016/680, b'mod partikolari l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku kif ukoll livell għoli ta' ċibersigurtà. Huwa importanti li s-software ta' implimentazzjoni ta' referenza jinkludi wkoll miżuri tekniċi xierqa u jagħmilha possibbli li jittieħdu l-miżuri organizzattivi meħtieġa biex jiġi żgurat livell xieraq ta' sigurtà u interoperabbiltà.

([24]) Ir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1).

([25]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

([26]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(91) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]).

(92) Għall-iskambji tad-*data* mwettqa permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata jew irreġistrati fis-sistema tal-IT deċentralizzata, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġbru statistika biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' monitoraġġ u rapportar skont dan ir-Regolament permezz tal-portali nazzjonali tagħhom.

(93) Sabiex timmonitorja l-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika rapport annwali dwar is-sena kalendarja preċedenti, abbażi tad-*data* miksuba mill-Istati Membri. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jipprovdu lill-Kummissjoni statistika komprensiva dwar aspetti differenti ta' dan ir-Regolament, skont it-tip ta' *data* mitluba, id-destinatarji u jekk kienx każ ta' emerġenza jew le.

(94) L-użu ta' formoli tradotti minn qabel u standardizzati jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni skont dan ir-Regolament, u b'hekk jippermetti komunikazzjoni iktar ħafifa u iktar effettiva b'mod faċli għall-utent. Tali formoli jnaqqsu l-kostijiet tat-traduzzjoni u jikkontribwixxu għal standard għoli ta' kwalità tal-komunikazzjoni. Bl-istess mod, il-formoli ta' risposta jagħmlu possibbli l-iskambju standardizzat tal-informazzjoni, b'mod partikolari fejn il-fornituri tas-servizzi ma jkunux jistgħu jikkonformaw minħabba li l-kont tal-utent ma jkunx jeżisti jew għax ma tkun disponibbli ebda *data*. Il-formoli previsti f'dan ir-Regolament jiffaċilitaw ukoll il-ġbir tal-istatistika.

(95) Sabiex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-ħtieġa possibbli ta' titjib fir-rigward tal-kontenut tal-formoli tal-EPOC u tal-EPOC-PR u tal-formoli li jridu jintużaw sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni ta' EPOC jew ta' EPOC-PR, għall-konferma tal-ħruġ ta' talba għall-produzzjoni b'segwitu ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u sabiex tiġi estiża l-preservazzjoni tal-evidenza elettronika, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda għall-formoli previsti f'dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([28]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(96) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax strumenti, ftehimiet u arranġamenti tal-Unjoni jew oħrajn internazzjonali dwar il-ġbir ta' evidenza li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħżlu l-għodda l-aktar adatta għall-każ inkwistjoni. F'xi każijiet, huma jistgħu jippreferu jużaw strumenti, ftehimiet u arranġamenti tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali meta jitolbu sett ta' tipi differenti ta' miżuri investigattivi li ma jkunux limitati għall-produzzjoni ta' evidenza elettronika minn Stat Membru ieħor. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament dwar l-istrumenti, il-ftehimiet u l-arranġamenti eżistenti msemmija f'dan ir-Regolament li huma ser ikomplu japplikaw. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-iffirmar ta' kwalunkwe ftehimiet jew arranġament ġdid kif imsemmi f'dan ir-Regolament.

(97) Minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi, fi ftit snin jistgħu jipprevalu forom ġodda ta' għodod ta' komunikazzjoni, jew jistgħu jitfaċċaw lakuni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa importanti li tiġi prevista evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu.

(98) Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament li jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE, u dik l-evalwazzjoni jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri oħra possibbli. Ir-rapport ta' evalwazzjoni jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-riżultati li jkunu nkisbu fir-rigward tal-objettivi tiegħu, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq id-drittijiet fundamentali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor l-informazzjoni b'mod regolari sabiex tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([27]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([28]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(99) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jittejbu l-assigurazzjoni u l-ksib ta' evidenza elettronika minn fruntiera għall-oħra, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba n-natura transfruntiera tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TU E. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(100) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(101) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma hijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(102) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1), tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Novembru 2019 ([29]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li bihom awtorità ta' Stat Membru, fi proċedimenti kriminali, tista' toħroġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u b'hekk tordna fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni, u li jkun stabbilit jew, jekk mhux stabbilit, rappreżentat, minn rappreżentant legali fi Stat Membru ieħor, biex jipproduċi jew biex jippreserva evidenza elettronika, irrispettivament mill-post fejn tkun tinstab id-*data*.

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali li jindirizzaw lill-fornituri tas-servizzi stabbiliti jew rappreżentati fit-territorju tagħhom bil-għan li jiżguraw li jikkonformaw mal-miżuri nazzjonali simili għal dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jista' jintalab minn persuna suspettata jew akkużata, jew minn avukat f'isimha, fi ħdan il-qafas tad-drittijiet ta' difiża applikabbli f'konformità mal-liġi proċedurali kriminali nazzjonali.

3. Dan ir-Regolament ma għandux ikollu l-effett li jimmodifika l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali kif imnaqqxa fil-Karta u fl-Artikolu 6 tat-TUE u kwalunkwe obbligu applikabbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew l-awtoritajiet ġudizzjarji f'dan ir-rigward ma għandux jiġi affettwat. Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipji fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inklużi l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-*data* personali, kif ukoll id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal fornituri tas-servizzi li joffru servizzi fl-Unjoni.

2. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej jistgħu jinħarġu biss fil-qafas u għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali, u għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' mill-inqas erba' xhur, wara l-proċedimenti kriminali, imposta b'deċiżjoni li ma tkunx ingħatat in absentia, f'każijiet fejn il-persuna kkundannata tkun ħarbet mill-ġustizzja. Tali ordnijiet jistgħu jinħarġu wkoll fi proċedimenti relatati ma' reat kriminali li għalih persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli jew punita fl-Istat emittenti.

3. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej jistgħu jinħarġu biss għal *data* relatata mas-servizzi msemmija fl-Artikolu 3, il-punt (3), offruti fl-Unjoni.

4. Dan ir-Regolament ma japplikax għal proċedimenti mibdija għall-fini li jipprovdu assistenza legali reċiproka lil Stat Membru jew pajjiż terz ieħor.

([29]) ĠU C 32, 31.1.2020, p. 11.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Ordni ta' Produzzjoni Ewropea" tfisser deċiżjoni li tordna l-produzzjoni ta' evidenza elettronika, maħruġa jew ivvalidata minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 4 (1), (2), (4) u (5), u indirizzata lil stabbiliment deżinjat jew lil rappreżentant legali ta' fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni, meta dak l-istabbiliment jew rappreżentant legali deżinjat ikun jinsab fi Stat Membru ieħor marbut b'dan ir-Regolament;

(2) "Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea" tfisser deċiżjoni li tordna l-preservazzjoni ta' evidenza elettronika għall-finijiet ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni, u li tkun maħruġa jew ivvalidata minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru f'konformità mal- Artikolu 4(3), (4) u (5), u indirizzata lil stabbiliment deżinjat jew lil rappreżentant legali ta' fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni, meta dak l-istabbiliment jew rappreżentant legali deżinjat ikun jinsab fi Stat Membru ieħor marbut b'dan ir-Regolament;

(3) "fornitur tas-servizzi" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi waħda jew aktar mill-kategoriji ta' servizzi li ġejjin, bl-eċċezzjoni tas-servizzi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (b), tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]):

(a) servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2018/1972;

(b) servizzi ta' ismijiet ta' dominji tal-internet u ta' numerazzjoni tal-IP, bħall-assenjazzjoni ta' indirizzi IP, reġistru ta' ismijiet ta' dominji, reġistratur ta' ismijiet ta' dominji u servizzi ta' privatezza u ta' proxy relatati ma' ismijiet ta' dominji;

(c) servizzi oħrajn tas-soċjetà tal-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2015/1535 li:

(i) jippermettu lill-utenti tagħhom jikkomunikaw ma' xulxin; jew

(ii) jagħmluha possibbli li d-*data* tiġi maħżuna jew ipproċesata mod ieħor f'isem l-utenti li lilhom jiġi pprovdut is-servizz, dment li l-ħażna tad-*data* tkun komponent essenzjali tas-servizz mogħti lill-utent;

(4) "joffri servizzi fl-Unjoni" tfisser:

(a) li jippermetti lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi fi Stat Membru jużaw is-servizzi elenkati fil-punt (3); u

(b) li jkollu konnessjoni sostanzjali, ibbażata fuq kriterji fattwali speċifiċi, mal-Istat Membru msemmi fil-punt (a); tali konnessjoni sostanzjali trid titqies li teżisti meta l-fornitur tas-servizzi jkollu stabbiliment fi Stat Membru, jew, fin-nuqqas ta' tali stabbiliment, meta jkun hemm għadd sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew meta l-attivitajiet ikunu mmirati lejn Stat Membru wieħed jew aktar;

(5) "stabbiliment" tfisser entità li fil-fatt twettaq attività ekonomika għal perjodu indefinit permezz ta' infrastruttura stabbli minn fejn jitwettaq in-negozju tal-forniment tas-servizzi jew inkella jiġi mmaniġġjat in-negozju;

(6) "stabbiliment deżinjat" tfisser stabbiliment b'personalità ġuridika deżinjat bil-miktub minn fornitur tas-servizzi stabbilit fi Stat Membru li jieħu sehem fi strument legali msemmi fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva (UE) 2023/1544, għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1), u fil-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva;

(7) "rappreżentant legali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika maħtura bil-miktub minn fornitur tas-servizzi mhux stabbilit fi Stat Membru li tieħu sehem fi strument legali msemmi fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva (UE) 2023/1544, għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva;

(8) "evidenza elettronika" tfisser *data* dwar l-abbonati, *data* tat-traffiku jew *data* ta' kontenut maħżuna minn fornitur tas-servizzi jew f'ismu, f'forma elettronika, fil-mument tal-wasla ta' Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) jew ta' Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR);

([30]) Id-Direttiva 2006/123/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

(9) "*data* dwar l-abbonati" tfisser kwalunkwe *data* miżmuma minn fornitur tas-servizzi relatata mal-abbonament għas-servizzi tiegħu, li għandha x'taqsam ma':

(a) l-identità ta' abbonat jew klijent bħall-isem, id-data tat-twelid, l-indirizz postali jew ġeografiku, id-*data* dwar il-kontijiet u l-ħlas, in-numru tat-telefown, jew l-indirizz elettroniku pprovduti;

(b) it-tip ta' servizz u t-tul ta' żmien tiegħu, inkluża *data* teknika u *data* li tidentifika l-miżuri tekniċi relatati jew l-interfaċċji użati mill-abbonat jew mill-klijent jew provduti lilu fil-mument tar-reġistrazzjoni jew tal-attivazzjoni inizjali, u *data* relatata mal-validazzjoni tal-użu tas-servizz, esklużi l-passwords jew mezzi ta' awtentikazzjoni oħrajn użati minflok password li jiġu pprovduti minn utent, jew jinħolqu fuq talba ta' utent;

(10) "*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent" tfisser l-indirizzi IP u, fejn meħtieġ, il-portijiet sors rilevanti u l-kronogramma, jiġifieri d-data u l-ħin, jew l-ekwivalenti tekniċi ta' dawk l-identifikaturi u l-informazzjoni relatata, meta mitluba mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew mill-awtoritajiet ġudizzjarji għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent f'investigazzjoni kriminali speċifika;

(11) "*data* tat-traffiku" tfisser *data* relatata mal-forniment ta' servizz offrut minn fornitur tas-servizzi li sservi sabiex tipprovdi kuntest jew informazzjoni addizzjonali dwar dak is-servizz u hija ġġenerata jew ipproċessata permezz ta' sistema ta' informazzjoni tal-fornitur tas-servizzi, bħas-sors u d-destinazzjoni ta' messaġġ jew tip ieħor ta' interazzjoni, il-lokalizzazzjoni tal-apparat, id-data, il-ħin, it-tul ta' żmien, id-daqs, ir-rotta, il-format, il-protokoll użat u t-tip ta' kompressjoni, u metadata tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u *data* oħra, minbarra *data* dwar l-abbonati, relatata mal-bidu u t-tmiem ta' sessjoni ta' aċċess tal-utent għal servizz, bħad-data u l-ħin tal-użu, u l-log-in u l-log-off mis-servizz;

(12) "*data* ta' kontenut" tfisser kwalunkwe *data* f'format diġitali bħal kitba, vuċi, vidjows, stampi, u ħoss għajr *data* dwar l-abbonati jew *data* tat-traffiku;

(13) "sistema tal-informazzjoni" tfisser sistema tal-informazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tad-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]);

(14) "Stat emittenti" tfisser l-Istat Membru li fih tinħareġ l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea;

(15) "awtorità emittenti" tfisser l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, li, f'konformità mal-Artikolu 4, tista' toħroġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea;

(16) "Stat tal-infurzar" tfisser l-Istat Membru li fih l-istabbiliment dežinjat ikun stabbilit jew ir-rappreżentat legali jkun jirrisjedi u li lilu jiġu trażmessi Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u EPOC jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u EPOC-PR mill-awtorità emittenti għan-notifika jew għall-infurzar b'mod konformi ma' dan ir-Regolament;

(17) "awtorità tal-infurzar" tfisser l-awtorità fl-Istat tal-infurzar, li, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat, hija kompetenti biex tirċievi Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u EPOC jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u EPOC-PR trażmessi mill-awtorità emittenti għan-notifika jew għall-infurzar f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(18) "każ ta' emerġenza" tfisser sitwazzjoni li fiha jkun hemm theddida imminenti għall-ħajja, l-integrità fiżika jew is-sikurezza ta' persuna, jew għal infrastruttura kritika, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (a), tad-Direttiva 2008/114/KE, fejn it-tfixkil jew il-qerda ta' tali infrastruttura kritika jirriżultaw f'theddida imminenti għall-ħajja, l-integrità fiżika jew is-sikurezza ta' persuna, inkluż permezz ta' dannu serju għall-forniment tal-provvisti bażiċi lill-popolazzjoni jew għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ewlenin tal-Istat;

(19) "kontrollur" tfisser kontrollur kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679;

(20) "proċessur" tfisser proċessur kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (8), tar-Regolament (UE) 2016/679;

([31]) Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI, (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

(21) "sistema tal-IT deċentralizzata" tfisser network ta' sistemi tal-IT u punti ta' aċċess interoperabbli, li joperaw taħt ir-responsabbiltà u l-ġestjoni individwali ta' kull Stat Membru, aġenzija jew korp tal-Unjoni, li jippermetti li jseħħ skambju transfruntier ta' informazzjoni b'mod sigur u affidabbli.

KAPITOLU II

ORDNI TA' PRODUZZJONI EWROPEA, ORDNI TA' PRESERVAZZJONI EWROPEA U ĊERTIFIKATI

Artikolu 4

Awtorità emittenti

1. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* dwar l-abbonati jew biex tinkiseb *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), tista' tinħareġ biss minn:

(a) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew

(b) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ ikkonċernat, tkun qiegħda taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali; f'każ bħal dan, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tiġi vvalidata, wara eżami tal-konformità tagħha mal-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea skont dan ir-Regolament, minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti.

2. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut tista' tinħareġ biss minn:

(a) imħallef, qorti jew imħallef inkwirenti kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew

(b) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ ikkonċernat, tkun qiegħda taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali; f'każ bħal dan, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tiġi vvalidata, wara eżami tal-konformità tagħha mal-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea skont dan ir-Regolament, minn imħallef, qorti jew imħallef inkwirenti fl-Istat emittenti.

3. Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għad-*data* ta' kwalunkwe kategorija tista' tinħareġ biss minn:

(a) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew

(b) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ ikkonċernat, tkun qiegħda taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali; f'każ bħal dan, l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandha tiġi vvalidata, wara eżami tal-konformità tagħha mal-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea skont dan ir-Regolament, minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti.

4. Fejn Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun ġiet ivvalidata minn awtorità ġudizzjarja skont il-paragrafu 1, il-punt (b), il-paragrafu 2, il-punt (b), jew il-paragrafu 3, il-punt (b), dik l-awtorità tista' titqies ukoll bħala awtorità emittenti għall-finijiet ta' trażmissjoni tal-EPOC u l-EPOC-PR.

5. F'każ ta' emerġenza stabbilit b'mod validu, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (18), l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), u fil-paragrafu 3, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu jistgħu b'mod eċċezzjonali joħorġu Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għad-*data* dwar l-abbonati jew għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, mingħajr validazzjoni minn qabel tal-ordni kkonċernata, meta l-validazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb fil-ħin u meta dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu joħorġu ordni f'każ domestiku simili mingħajr validazzjoni minn qabel. L-awtorità emittenti għandha tfittex validazzjoni ex post tal-ordni kkonċernata mingħajr dewmien żejjed, mhux aktar tard minn 48 siegħa. Meta ma tingħatax tali validazzjoni ex post tal-ordni kkonċernata, l-awtorità emittenti għandha tirtira l-ordni immedjatament u għandha tħassar jew inkella tirrestrinġi l-użu ta' kwalunkwe *data* li tkun inkisbet.

6. Kull Stat Membru jista' jaħtar awtorità ċentrali waħda jew aktar biex ikunu responsabbli għat-trażmissjoni amministrattiva ta' EPOCs u EPOC-PRs, ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej u ta' notifiki, u għall-wasla ta' *data* u notifiki kif ukoll għat-trażmissjoni ta' korrispondenza uffiċjali oħra relatata ma' tali ċertifikati jew ordnijiet.

Artikolu 5

Kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea

1. Awtorità emittenti tista' toħroġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jkunu ssodisfati.

2. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tkun meħtieġa u proporzjonata għall-iskop tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 2(3), filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata, u tista' tinħareġ biss jekk ordni simili setgħet tinħareġ taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili.

3. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea sabiex tinkiseb *data* dwar l-abbonati jew biex tinkiseb *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), tista' tinħareġ għar-reati kriminali kollha u għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' mill-anqas erba' xhur, wara proċedimenti kriminali, imposta minn deċiżjoni li ma tkunx ingħatat in absentia, f'każijiet fejn il-persuna kkundannata tkun ħarbet mill-ġustizzja.

4. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea sabiex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), ta' dan ir-Regolament jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut għandha tinħareġ biss:

(a) għal reati kriminali li fl-Istat emittenti jkunu punibbli b'sentenza ta' kustodja ta' perjodu massimu ta' minn tal-anqas tliet snin; jew

(b) għar-reati li ġejjin, jekk jitwettqu kompletament jew parzjalment permezz ta' sistema tal-informazzjoni:

(i) reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 8 tad-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]).

(ii) reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2011/93/UE;

(iii) reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 8 tad-Direttiva 2013/40/UE;

(c) għar-reati kriminali kif definiti fl-Artikoli 3 sa 12 u 14 tad-Direttiva (UE) 2017/541;

(d) għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' mill-anqas erba' xhur, wara proċedimenti kriminali, imposta b'deċiżjoni li ma tkunx ingħatat in absentia, f'każijiet fejn il-persuna kkundannata ħarbet mill-ġustizzja, għal reati kriminali msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu.

5. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-awtorità emittenti u, fejn applikabbli, l-awtorità ta' validazzjoni;

(b) id-destinatarju tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea kif imsemmi fl-Artikolu 7;

(c) l-utent, ħlief fejn l-iskop uniku tal-ordni jkun li jiġi identifikat l-utent, jew xi identifikatur uniku ieħor bħal isem l-utent, l-identifikazzjoni jew l-isem tal-kont sabiex tiġi determinata d-*data* li qiegħda tintalab;

(d) il-kategorija ta' *data* mitluba kif definita fl-Artikolu 3, il-punti (9) sa (12);

(e) jekk applikabbli, il-medda taż-żmien tad-*data* li għaliha tintalab il-produzzjoni;

(f) id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi kriminali tal-Istat emittenti;

(g) f'każijiet ta' emerġenza kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (18), ir-raġunijiet debitament ġustifikati għall-emerġenza;

(h) f'każijiet fejn l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tkun indirizzata direttament lill-fornitur tas-servizzi, li jaħżen jew xort'oħra jipproċessa d-*data* f'isem il-kontrollur, konferma li jkunu ġew ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu;

(i) ir-raġunijiet biex jiġi determinat li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tissodisfa l-kondizzjonijiet tan-neċessità u l-proporzjonalità skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(j) deskrizzjoni fil-qosor tal-każ.

([32]) Id-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI (ĠU L 123, 10.5.2019, p. 18).

6. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tiġi indirizzata lill-fornitur tas-servizzi li jaġixxi bħala kontrollur f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

Bħala eċċezzjoni, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tista' tiġi indirizzata direttament lill-fornitur tas-servizzi li jaħżen jew jipproċessa mod ieħor id-*data* f'isem il-kontrollur, meta:

(a) il-kontrollur ma jistax jiġi identifikat minkejja sforzi raġonevoli min-naħa tal-awtorità emittenti; jew

(b) il-fatt li jiġi indirizzat il-kontrollur jista' jkun ta' detriment għall-investigazzjoni.

7. F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, il-proċessur li jaħżen jew inkella jipproċessa d-*data* f'isem il-kontrollur għandu jinforma lill-kontrollur dwar il-produzzjoni tad-*data* sakemm l-awtorità emittenti ma tkunx talbet lill-fornitur tas-servizzi biex iżomm lura milli jinforma lill-kontrollur, sakemm ikun meħtieġ u proporzjonat, sabiex ma jostakolax il-proċedimenti kriminali rilevanti. F'dak il-każ, l-awtorità emittenti għandha tindika fil-fajl tal-każ ir-raġunijiet għad-dewmien biex tinforma lill-kontrollur. Fl-EPOC għandha tiżdied ukoll ġustifikazzjoni qasira.

8. Meta d-*data* tinħażen jew tiġi pproċessata b'xi mod ieħor bħala parti minn infrastruttura pprovduta minn fornitur tas-servizzi lil awtorità pubblika, Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tista' tinħareġ biss meta l-awtorità pubblika li għaliha tkun maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor id-*data* tkun tinsab fl-Istat emittenti.

9. F'każijiet fejn id-*data* protetta minn privileġġ professjonali skont il-liġi tal-Istat emittenti tinħażen jew tiġi pproċessata mod ieħor minn fornitur tas-servizzi bħala parti minn infrastruttura pprovduta lil professjonisti koperti minn privileġġ professjonali ("professjonist privileġġat"), fil-kapaċità kummerċjali tagħhom, Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għal *data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut tista' tinħareġ biss:

(a) meta l-professjonist privileġġat jirrisjedi fl-Istat emittenti;

(b) meta l-fatt li jiġi indirizzat il-professjonist privileġġat jista' jkun ta' detriment għall-investigazzjoni; jew

(c) meta l-privileġġi jkunu ġew rinunzjati f'konformità mal-liġi applikabbli.

10. Jekk l-awtorità emittenti jkollha raġunijiet sabiex temmen li d-*data* tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), jew id-*data* ta' kontenut mitluba mill-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tkun protetta b'immunitajiet jew privileġġi mogħtija mil-liġi tal-Istat tal-infurzar, jew li dik id-*data* tkun soġġetta f'dak l-Istat għal regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatata mal-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, l-awtorità emittenti tista' tfittex kjarifika qabel toħroġ l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, inkluż billi tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-infurzar, direttament jew inkella permezz tal-Eurojust jew tan-Network Ġudizzjarju Ewropew.

L-awtorità emittenti ma għandhiex toħroġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jekk issib li d-*data* tat-traffiku mitluba, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), jew id-*data* ta' kontenut tkun protetta minn immunitajiet jew privileġġi mogħtija skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar, jew li dik id-*data* tkun soġġetta f'dak l-Istat għal regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatata mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'media oħra.

Artikolu 6

Kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea

1. Awtorità emittenti tista' toħroġ Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jkunu ssodisfati. L-Artikolu 5(8), għandu japplika mutatis mutandis.

2. Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandha tkun meħtieġa u proporzjonata għall-iskop li jiġu evitati t-tneħħija, it-tħassir jew il-modifika tad-*data* bil-ħsieb li tinħareġ talba sussegwenti għall-produzzjoni ta' dik id-*data* permezz ta' assistenza legali reċiproka, Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE) jew Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata.

3. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tista' tinħareġ għar-reati kriminali kollha, fejn setgħet inħarġet taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili, u għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' mill-anqas erba' xhur, wara proċedimenti kriminali, imposta minn deċiżjoni li ma tkunx ingħatat in absentia, f'każijiet fejn il-persuna kkundannata tkun ħarbet mill-ġustizzja.

4. Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-awtorità emittenti u, fejn applikabbli, l-awtorità ta' validazzjoni;

(b) id-destinatarju tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea kif imsemmi fl-Artikolu 7;

(c) l-utent, ħlief fejn l-iskop uniku tal-ordni jkun li jiġi identifikat l-utent, jew xi identifikatur uniku ieħor bħal isem l-utent, l-identifikazzjoni jew l-isem tal-kont sabiex tiġi determinata d-*data* li għaliha tintalab il-preservazzjoni;

(d) il-kategorija ta' *data* mitluba kif definita fl-Artikolu 3, il-punti (9) sa (12);

(e) jekk applikabbli, il-medda taż-żmien tad-*data* li għaliha tintalab il-preservazzjoni;

(f) id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi kriminali tal-Istat emittenti;

(g) ir-raġunijiet biex jiġi determinat li l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tissodisfa l-kondizzjonijiet tan-neċessità u l-proporzjonalità skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Destinatarji ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u ta' Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej

1. Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għandhom jiġu indirizzati direttament lil stabbiliment dežinjat jew lil rappreżentant legali tal-fornitur tas-servizzi kkonċernat.

2. Eċċezzjonalment, f'każijiet ta' emerġenza kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (18), fejn l-istabbiliment dežinjat jew ir-rappreżentant legali ta' fornitur tas-servizzi ma jirreaġixxix għal EPOC jew għal EPOC-PR sal-iskadenzi, dak l-EPOC jew l-EPOC-PR jista' jiġi indirizzat lil kwalunkwe stabbiliment jew rappreżentant legali ieħor tal-fornitur tas-servizzi fl-Unjoni.

Artikolu 8

Notifika lill-awtorità tal-infurzar

1. Meta tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni Ewropea biex tinkiseb *data* tat-traffiku, ħlief għad-*data* mitluba għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-utent kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (10), jew biex tinkiseb *data* ta' kontenut, l-awtorità emittenti għandha tinnotifika lill-awtorità tal-infurzar billi tittrażmetti l-EPOC lil dik l-awtorità fl-istess ħin li tittrażmetti l-EPOC lid-destinatarju f'konformità l-Artikolu 9(1) u (2).

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk, fil-mument tal-ħruġ tal-ordni, l-awtorità emittenti jkollha raġunijiet raġonevoli biex temmen li:

(a) ir-reat ikun twettaq, ikun qed jitwettaq jew x'aktarx li jitwettaq fl-Istat emittenti; u

(b) il-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab tkun tirrisjedi fl-Istat emittenti.

3. Meta tibgħat l-EPOC kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-awtorità tal-infurzar, l-awtorità emittenti għandha, fejn xieraq, tinkludi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-possibbiltà li titqajjem raġuni għal rifjut f'konformità mal-Artikolu 12.

4. In-notifika lill-awtorità tal-infurzar imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkollha effett sospensiv fuq l-obbligi tad-destinatarju kif stabbilit fl-Artikolu 10(2), ħlief f'każijiet ta' emerġenza kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (18).

Artikolu 9

Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) u Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR)

1. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandha tiġi trażmessa lid-destinatarju kif definit fl-Artikolu 7, permezz ta' EPOC jew permezz ta' EPOC-PR.

L-awtorità emittenti jew, fejn applikabbli, l-awtorità ta' validazzjoni għandha timla l-EPOC stabbilit fl-Anness I jew l-EPOC-PR stabbilit fl-Anness II, għandha tiffirmah u għandha tiċċertifika li l-kontenut tiegħu jkun preċiż u korrett.

2. EPOC għandu jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(5), il-punti (a) sa (h), inkluża informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lid-destinatarju jidentifika u jikkuntattja lill-awtorità emittenti u lill-awtorità tal-infurzar, jekk ikun hemm bżonn.

Meta tkun meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, l-EPOC trażmess lil dik l-awtorità għandu jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(5), il-punti (a) sa (j).

3. EPOC-PR għandu jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 6(4), il-punti (a) sa (f), inkluża informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lid-destinatarju jidentifika u jikkuntattja lill-awtorità emittenti.

4. Fejn ikun meħtieġ, l-EPOC jew l-EPOC-PR għandhom jiġu tradotti f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni aċċettata mid-destinatarju kif previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2023/1544. Fejn ma tkun ġiet speċifikata l-ebda lingwa mill-fornitur tas-servizzi, l-EPOC jew l-EPOC-PR għandhom jiġu tradotti f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun jinstab l-istabbiliment deżinjat jew ir-rappreżentant legali tal-fornitur tas-servizzi.

Meta tkun meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, l-EPOC li għandu jiġi trażmess lil dik l-awtorità għandu jiġi tradott f'lingwa uffiċjali tal-Istat tal-infurzar jew f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni aċċettata minn dak l-Istat.

Artikolu 10

Eżekuzzjoni ta' EPOC

1. Malli jirċievi EPOC, id-destinatarju għandu jaġixxi b'ħeffa biex jippreserva d-*data* mitluba.

2. Meta tkun meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8 u dik l-awtorità ma tkun qajmet l-ebda raġuni għal rifjut f'konformità mal-Artikolu 12 fi żmien 10 ijiem wara li tirċievi l-EPOC, id-destinatarju għandu jiżgura li d-*data* mitluba tiġi trażmessa direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif indikat fl-EPOC, sa tmiem ta' dak il-perjodu ta' 10 ijiem. Meta l-awtorità tal-infurzar diġà qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' 10 ijiem tikkonferma lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju li mhi se tqajjem ebda raġuni għal rifjut, id-destinatarju għandu jaġixxi malajr kemm jista' jkun fuq tali konferma u mhux aktar tard minn tmiem dak il-perjodu ta' 10 ijiem.

3. Meta ma tkunx meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, id-destinatarju għandu jiżgura, malli jirċievi EPOC, li d-*data* mitluba tiġi trażmessa direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif indikat fl-EPOC, sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara li jkun irċieva l-EPOC.

4. F'każijiet ta' emerġenza, id-destinatarju għandu jittrażmetti d-*data* mitluba mingħajr dewmien żejjed, sa mhux aktar tard minn tmien sigħat wara li jirċievi l-EPOC. Meta tkun meħtieġa notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, l-awtorità tal-infurzar tista', jekk tiddeċiedi li tqajjem raġuni għal rifjut skont l-Artikolu 12(1), mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 96 siegħa wara li tirċievi n-notifika, tinnotifika lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju li hija toġġezzjona għall-użu tad-*data* jew li d-*data* tista' tintuża biss taħt kondizzjonijiet li hija għandha tispeċifika. Meta l-awtorità tal-infurzar tqajjem raġuni għal rifjut, jekk id-*data* tkun diġà ġiet trażmessa mid-destinatarju lill-awtorità emittenti, l-awtorità emittenti għandha thassar jew inkella tirrestrinġi l-użu tad-*data* jew, fil-każ li l-awtorità tal-infurzar ikollha kondizzjonijiet speċifikati, l-awtorità emittenti għandha tikkonforma ma' dawk il-kondizzjonijiet meta tuża d-*data*.

5. Meta d-destinatarju jqis, abbażi biss tal-informazzjoni li tinsab fl-EPOC, li l-eżekuzzjoni tal-EPOC tista' tinterferixxi mal-immunitajiet jew mal-privileġġi, jew mar-regoli dwar id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali li jirrigwardaw il-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar, id-destinatarju għandu jinforma lill-awtorità emittenti u lill-awtorità tal-infurzar billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III.

Meta ma tkun saret l-ebda notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, l-awtorità emittenti għandha tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u għandha tiddeċiedi, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-awtorità tal-infurzar, jekk tirtirax, tadattax jew iżżommx l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

Meta tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, l-awtorità emittenti għandha tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u għandha tiddeċiedi jekk tirtirax, tadattax jew iżżommx l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. L-awtorità tal-infurzar tista' tiddeċiedi li tqajjem ir-raġunijiet għal rifjut stabbiliti fl-Artikolu 12.

6. Meta d-destinatarju ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jipproduċi d-*data* mitluba minħabba li l-EPOC ikun inkomplet, ikun fih żbalji manifesti jew ma jkunx fih informazzjoni suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-EPOC, id-destinatarju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-awtorità emittenti u, meta tkun saret notifika skont l-Artikolu 8, lill-awtorità tal-infurzar imsemmija fl-EPOC, u jfittex kjarifika, billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III. Fl-istess ħin, id-destinatarju għandu jinforma lill-awtorità emittenti dwar jekk l-identifikazzjoni tad-*data* mitluba u l-preservazzjoni ta' dik id-*data* kif stabbilit fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu kinitx possibbli.

L-awtorità emittenti għandha tirreaġixxi b'heffa u sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li tirċievi l-formola. Id-destinatarju għandu jiżgura li jkun jista' jirċievi l-kjarifika meħtieġa jew kwalunkwe korrezzjoni pprovduta mill-awtorità emittenti, sabiex id-destinatarju jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw sakemm tiġi pprovduta tali kjarifika jew korrezzjoni mill-awtorità emittenti jew mill-awtorità tal-infurzar.

7. Meta d-destinatarju ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jipproduċi d-*data* mitluba minħabba impossibbiltà *de facto* minħabba ċirkostanzi mhux attribwibbli lid-destinatarju, id-destinatarju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-awtorità emittenti u, meta tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, lill-awtorità tal-infurzar imsemmija fl-EPOC, sabiex jispjega r-raġunijiet għal tali impossibbiltà *de facto*, billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III. Meta l-awtorità emittenti tikkonkludi li hemm tali impossibbiltà *de facto*, hija għandha tinforma lid-destinatarju, u, fejn tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, lill-awtorità tal-infurzar, li l-EPOC ma għadx hemm bżonn li jiġi eżegwit.

8. Fil-każijiet kollha fejn id-destinatarju ma jipprovdix id-*data* mitluba, ma jipprovdix id-*data* mitluba b'mod eżawrjenti jew ma jipprovdix id-*data* mitluba sal-iskadenza speċifikata, għal raġunijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu, id-destinatarju għandu, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard mill-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, jinforma lill-awtorità emittenti u, meta tkun saret notifika lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, lill-awtorità tal-infurzar imsemmija fl-EPOC, b'dawk ir-raġunijiet billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III. L-awtorità emittenti għandha tirrieżamina l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mid-destinatarju u, jekk ikun meħtieġ, tistabbilixxi skadenza ġdida għad-destinatarju sabiex jipproduċi d-*data*.

9. Id-*data* għandha tiġi ppreservata, sa fejn ikun possibbli, sakemm tiġi prodotta, irrispettivament minn jekk il-produzzjoni fl-aħħar mill-aħħar tintalabx abbażi ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea kjarifikata u l-EPOC tagħha jew permezz ta' kanali oħra, bħall-assistenza legali reċiproka, jew sakemm tiġi rtirata l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

Meta l-produzzjoni tad-*data* u l-preservazzjoni tagħha ma jkunux għadhom neċessarji, l-awtorità emittenti u, fejn applikabbli skont l-Artikolu 16 (8), l-awtorità tal-infurzar għandha tinforma lid-destinatarju mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 11

Eżekuzzjoni ta' EPOC-PR

1. Malli jirċievi EPOC-PR, id-destinatarju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jippreserva d-*data* mitluba. L-obbligu li tiġi ppreservata d-*data* għandu jieqaf wara 60 jum, sakemm l-awtorità emittenti ma tikkonfermax li tkun inħarġet talba sussegwenti għall-produzzjoni billi tuża l-formola stabbilita fl-Anness V. Matul dak il-perjodu ta' 60 jum, l-awtorità emittenti tista', billi tuża l-formola stabbilita fl-Anness VI, testendi t-tul ta' żmien tal-obbligu li tiġi ppreservata d-*data* b'perjodu addizzjonali ta' 30 jum, fejn meħtieġ biex tippermetti l-ħruġ ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni.

2. Meta, waqt il-perjodu ta' preservazzjoni stabbilit fil-paragrafu 1, l-awtorità emittenti tikkonferma li tkun inħarġet talba sussegwenti għall-produzzjoni, id-destinatarju għandu jippreserva d-*data* għal kemm ikun meħtieġ sabiex jipproduċi d-*data* ladarba jirċievi t-talba sussegwenti għall-produzzjoni.

3. Meta l-preservazzjoni ma tkunx aktar meħtieġa, l-awtorità emittenti għandha tinforma lid-destinatarju mingħajr dewmien żejjed u l-obbligu tal-preservazzjoni abbażi tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandu jieqaf.

4. Meta d-destinatarju jqis, abbażi biss tal-informazzjoni li tinsab fl-EPOC-PR, li l-eżekuzzjoni tal-EPOC-PR tista' tinterferixxi mal-immunitajiet jew mal-privileġġi, jew mar-regoli dwar id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali li jirrigwardaw il-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar, id-destinatarju għandu jinforma lill-awtorità emittenti u lill-awtorità tal-infurzar billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III.

L-awtorità emittenti għandha tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, u għandha tiddeċiedi, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-awtorità tal-infurzar, jekk tirtirax, tadattax jew iżżommx l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea.

5. Meta d-destinatarju ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jippreserva d-*data* mitluba minħabba li l-EPOC-PR ikun inkomplet, ikun fih żbalji manifesti jew ma jkunx fih informazzjoni suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-EPOC-PR, id-destinatarju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-awtorità emittenti msemmija fl-EPOC-PR u jfittex kjarifika, billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III.

L-awtorità emittenti għandha tirreaġixxi b'ħeffa u sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li tirċievi l-formola. Id-destinatarju għandu jiżgura li jkun jista' jirċievi l-kjarifika meħtieġa jew kwalunkwe korrezzjoni pprovduta mill-awtorità emittenti sabiex id-destinatarju jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, u 3. Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtorità emittenti fil-perjodu ta' ħamest ijiem, il-fornitur tas-servizzi għandu jkun eżentat mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

6. Meta d-destinatarju ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jippreserva d-*data* mitluba minħabba impossibbiltà *de facto* minħabba ċirkostanzi mhux attribwibbli lid-destinatarju, id-destinatarju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-awtorità emittenti msemmija fl-EPOC-PR sabiex jispjega r-raġunijiet għal tali impossibbiltà *de facto*, billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III. Meta l-awtorità emittenti tikkonkludi li tali impossibbiltà teżisti, hija għandha tinforma lid-destinatarju li l-EPOC-PR ma għadx hemm bżonn li jiġi eżegwit.

7. Fil-każijiet kollha fejn id-destinatarju ma jippreservax id-*data* mitluba, għal raġunijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 4, 5 u 6, id-destinatarju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-awtorità emittenti dwar dawk ir-raġunijiet, billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III. L-awtorità emittenti għandha tirrieżamina l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta mid-destinatarju.

Artikolu 12

Raġunijiet għar-rifjut ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej

1. Meta l-awtorità emittenti tkun innotifikat lill-awtorità tal-infurzar skont l-Artikolu 8, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(3), l-awtorità tal-infurzar għandha, mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn 10 ijiem wara li tirċievi n-notifika, jew, f'każijiet ta' emerġenza, sa mhux aktar tard minn 96 siegħa wara tali riċevuta, tivvaluta l-informazzjoni stabbilita fl-ordni u, fejn xieraq, tqajjem waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin għal rifjut:

(a) id-*data* mitluba tkun protetta minn immunitajiet jew privileġġi mogħtija skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar li jipprevjenu l-eżekuzzjoni jew l-infurzar tal-ordni, jew id-*data* mitluba tkun koperta minn regoli dwar id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatati mal-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, li jipprevjenu l-eżekuzzjoni jew l-infurzar tal-ordni;

(b) f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex temmen, abbażi ta' evidenza speċifika u oġġettiva, li l-eżekuzzjoni tal-ordni, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tkun tinvolvi ksur ċar ta' dritt fundamentali rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta;

(c) l-eżekuzzjoni tal-ordni tmur kontra l-prinċipju ta' ne bis in idem;

(d) l-għamil li fir-rigward tiegħu tkun inħarġet l-ordni ma tikkostitwixxix reat skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar, sakemm ma kkonċernax reat elenkat fost il-kategoriji ta' reati stabbiliti fl-Anness IV, kif indikat mill-awtorità emittenti fl-EPOC, jekk ikun punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-anqas tliet snin.

2. Meta l-awtorità tal-infurzar tqajjem raġuni għal rifjut skont il-paragrafu 1, hija għandha tinforma lid-destinatarju u lill-awtorità emittenti. Id-destinatarju għandu jwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u ma jittrasferixxix id-*data*, u l-awtorità emittenti għandha tirtira l-ordni.

3. Qabel ma tiddeċiedi li tqajjem raġuni għal rifjut, l-awtorità tal-infurzar notifikata skont l-Artikolu 8 għandha tikkuntattja lill-awtorità emittenti bi kwalunkwe mezz xieraq, sabiex tiddiskuti l-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu. Abbażi ta' dan, l-awtorità emittenti tista' tiddeċiedi li tadatta jew tirtira l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. Meta, wara tali diskussjonijiet, ma tintlaħaq l-ebda soluzzjoni, l-awtorità tal-infurzar notifikata skont l-Artikolu 8 tista' tiddeċiedi li tqajjem raġunijiet għar-rifjut tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u tinforma lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju kif xieraq.

4. Meta l-awtorità tal-infurzar tiddeċiedi li tqajjem raġunijiet għal rifjut skont il-paragrafu 1, hija tista' tindika jekk toġġezzjonax għat-trasferiment tad-*data* kollha mitluba fl-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew jekk id-*data* tistax tiġi ttrasferita jew użata parzjalment biss taħt il-kondizzjonijiet speċifikati mill-awtorità tal-infurzar.

5. Fejn is-setgħa li jiġu rinunzjati l-immunità jew il-privileġġ kif stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, tkun ta' awtorità tal-Istat tal-infurzar, l-awtorità emittenti tista' titlob lill-awtorità tal-infurzar notifikata skont l-Artikolu 8 tikkuntattja lil dik l-awtorità tal-Istat tal-infurzar biex titlobha teżerċita dik is-setgħa mingħajr dewmien. Fejn is-setgħa li jiġu rinunzjati l-immunità jew il-privileġġ tkun ta' awtorità ta' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz jew ta' organizzazzjoni internazzjonali, l-awtorità emittenti tista' titlob lill-awtorità kkonċernata biex teżerċita dik is-setgħa.

Artikolu 13

Informazzjoni dwar l-utent u kunfidenzjalità

1. L-awtorità emittenti għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-persuna li tkun qed tintalab id-*data* tagħha dwar il-produzzjoni ta' *data* abbażi ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

2. L-awtorità emittenti tista', f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti, tittardja jew tirrestrinġi l-informazzjoni, jew tonqos milli tinforma, lill-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab, sa fejn, u sakemm, jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva (UE) 2016/680, f'liema każ l-awtorità emittenti għandha tindika fil-fajl tal-każ ir-raġunijiet għad-dewmien, ir-restrizzjoni jew l-ommissjoni. Fl-EPOC għandha tiżdied ukoll ġustifikazzjoni qasira.

3. Meta tinforma lill-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità emittenti għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rimedji disponibbli skont l-Artikolu 18.

4. Id-destinatarji u, jekk ikunu differenti, il-fornituri tas-servizzi għandhom jieħdu l-miżuri operazzjonali u tekniċi l-aktar avvanzati meħtieġa sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità, is-segretezza u l-integrità tal-EPOC jew tal-EPOC-PR u tad-*data* prodotta jew ippreservata.

Artikolu 14

Rimborż ta' kostijiet

1. Il-fornitur tas-servizzi jista' jitlob ir-rimborż tal-kostijiet tiegħu mingħand l-Istat emittenti, jekk din il-possibbiltà tkun prevista fil-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti għal ordnijiet domestiċi f'sitwazzjonijiet simili, skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli nazzjonali tagħhom għal rimborż, u l-Kummissjoni għandha tippubblikahom.

2. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għar-rimborż tal-kostijiet tas-sistema tal-IT deċentralizzata kif imsemmi fl-Artikolu 25.

KAPITOLU III

PENALI U INFURZAR

Artikolu 15

Penali

1. Mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali li jipprevedu l-impożizzjoni ta' penali kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali pekunarji applikabbli għall-ksur tal-Artikoli 10 u 11 u l-Artikolu 13(4), f'konformità mal-Artikolu 16(10), u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali pekunarji previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu imposti penali pekunarji sa mhux aktar minn 2 % tal-profitti annwali totali dinjija tal-fornitur tas-servizzi fis-sena finanzjarja preċedenti. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri, u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-fornituri tas-servizzi ma għandhomx jinżammu responsabbli fl-Istati Membri għall-ħsara kkawżata lill-utenti tagħhom jew lil partijiet terzi li tirriżulta esklussivament mill-konformità bona fide ma' EPOC jew ma' EPOC-PR.

Artikolu 16

Proċedura għall-infurzar

1. Meta d-destinatarju ma jikkonformax ma' EPOC sal-iskadenza jew ma' EPOC-PR, mingħajr ma jipprovdi raġunijiet aċċettati mill-awtorità emittenti, u, jekk applikabbli, meta l-awtorità tal-infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet għar-rifjut kif previst fl-Artikolu 12, l-awtorità emittenti tista' titlob lill-awtorità tal-infurzar biex tinforza l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea.

Għall-fini tal-infurzar kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità emittenti għandha tittrasferixxi l-ordni kkonċernata, il-formola stabbilita fl-Anness III kif mimlija mid-destinatarju, u kwalunkwe dokument rilevanti f'konformità mal-Artikolu 19. L-awtorità emittenti għandha tittraduċi l-ordni kkonċernata u kwalunkwe dokument li jrid jiġi ttrasferit f'waħda mil-lingwi aċċettati mill-Istat tal-infurzar u għandha tinforma lid-destinatarju dwar it-trasferiment.

2. Malli tirċeviha, l-awtorità tal-infurzar għandha tirrikonoxxi mingħajr formalitajiet ulterjuri u tieħu l-miżuri neċessarji għall-infurzar ta':

(a) Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, sakemm l-awtorità tal-infurzar ma tqisx li tapplika waħda mir-raġunijiet previsti fil-paragrafu 4; jew

(b) Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, sakemm l-awtorità tal-infurzar ma tqisx li tapplika waħda mir-raġunijiet previsti fil-paragrafu 5.

L-awtorità tal-infurzar għandha tieħu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tal-ordni kkonċernata mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li tirċievi dik l-ordni.

3. L-awtorità tal-infurzar għandha tirrikjedi formalment lid-destinatarju biex jikkonforma mal-obbligi rilevanti tiegħu, u għandha tinforma lid-destinatarju b'dan li ġej:

(a) il-possibbiltà li joġġezzjona għall-eżekuzzjoni tal-ordni kkonċernata billi jinvoka waħda mir-raġunijiet jew aktar elenkati fil-paragrafu 4, il-punti (a) sa (f), jew fil-paragrafu 5, il-punti (a) sa (e);

(b) il-penali applikabbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità; u

(c) l-iskadenza għall-konformità jew għall-oġġezzjoni.

4. L-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jista' jiġi rrifjutat biss abbażi ta' raġuni waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ma tkunx inħarġet jew ma tkunx ġiet ivvalidata minn awtorità emittenti kif previst fl-Artikolu 4;

(b) l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ma tkunx inħarġet għal reat previst mill-Artikolu 5(4);

(c) id-destinatarju ma setax jikkonforma mal-EPOC minħabba impossibbiltà *de facto* minħabba ċirkostanzi mhux attribwibbli lid-destinatarju, jew minħabba li l-EPOC ikun fih żbalji manifesti;

(d) l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ma tkunx tirrigwarda *data* maħżuna mill-fornitur tas-servizz jew f'ismu fil-mument li jiġi riċevut l-EPOC;

(e) is-servizz ma jkunx kopert minn dan ir-Regolament;

(f) id-*data* mitluba tkun protetta minn immunitajiet jew privileġġi mogħtija skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar, jew id-*data* mitluba tkun koperta minn regoli dwar id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatati mal-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, li jipprevjenu l-eżekuzzjoni jew l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea;

(g) f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, abbażi tal-unika informazzjoni li tinsab fl-EPOC, ikun evidenti li hemm raġunijiet sostanzjali biex temmen, abbażi ta' evidenza speċifika u oġġettiva, li l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tkun tinvolvi ksur ċar ta' dritt fundamentali rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta.

5. L-infurzar tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jista' jiġi rrifjutat biss abbażi ta' raġuni waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ma tkunx inħarġet jew ma tkunx ġiet ivvalidata minn awtorità emittenti kif previst fl-Artikolu 4;

(b) id-destinatarju ma setax jikkonforma mal-EPOC-PR minħabba impossibbiltà *de facto* minħabba ċirkostanzi mhux attribwibbli lid-destinatarju, jew minħabba li l-EPOC-PR ikun fih żbalji manifesti;

(c) l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ma tkunx tirrigwarda *data* maħżuna mill-fornitur tas-servizzi fil-mument li jiġi riċevut l-EPOC-PR;

(d) is-servizz ma jkunx kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(e) id-*data* mitluba tkun protetta minn immunitajiet jew privileġġi mogħtija skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar, jew id-*data* mitluba tkun koperta minn regoli dwar id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatati mal-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni f'media oħra, li jipprevjenu l-eżekuzzjoni jew l-infurzar tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea;

(f) f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, abbażi tal-unika informazzjoni li tinsab fl-EPOC-PR, ikun evidenti li hemm raġunijiet sostanzjali biex temmen, abbażi ta' evidenza speċifika u oġġettiva, li l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tkun tinvolvi ksur ċar ta' dritt fundamentali rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta.

6. Fil-każ ta' oġġezzjoni mid-destinatarju kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (a), l-awtorità tal-infurzar għandha tiddeċiedi jekk tinfurzax jew le l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea fuq il-bażi ta' kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-destinatarju u, jekk ikun meħtieġ, informazzjoni supplimentari miksuba mingħand l-awtorità emittenti skont il-paragrafu 7.

7. Qabel tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew li ma tinfurzax l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea skont il-paragrafu 2 jew 6, rispettivament, l-awtorità tal-infurzar għandha tikkonsulta lill-awtorità emittenti bi kwalunkwe mezz xieraq. Fejn ikun xieraq, hija għandha titlob aktar informazzjoni mingħand l-awtorità emittenti. L-awtorità emittenti għandha twieġeb għal kwalunkwe talba bħal din fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.

8. L-awtorità tal-infurzar għandha tinnotifika immedjatament lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju bid-deċiżjonijiet kollha tagħha.

9. Jekk l-awtorità tal-infurzar tikseb id-*data* mitluba minn Ordni ta' Produzzjoni Ewropea mingħand id-destinatarju, hija għandha tittrażmetti dik id-*data* lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien żejjed.

10. Meta d-destinatarju ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu skont Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea rikonoxxuta li l-infurzabbiltà tagħha tkun ġiet ikkonfermata mill-awtorità tal-infurzar, dik l-awtorità għandha timponi penali pekunarja skont l-Artikolu 15. Għandu jkun disponibbli rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni li tiġi imposta penali pekunarja.

KAPITOLU IV

KUNFLITTI TAL-LIĠI U RIMEDJI

Artikolu 17

Proċedura ta' rieżami fil-każ ta' obbligi konfliġġenti

1. Meta destinatarju jqis li l-konformità ma' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tiġi f'kunflitt ma' obbligu skont id-dritt applikabbli ta' pajjiż terz, huwa għandu jinforma lill-awtorità emittenti u lill-awtorità tal-infurzar bir-raġunijiet tiegħu għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10, il-paragrafi 8 u 9, billi juża l-formola stabbilita fl-Anness III ("l-oġġezzjoni motivata").

2. L-oġġezzjoni motivata għandha tinkludi d-dettalji rilevanti kollha dwar il-liġi tal-pajjiż terz, l-applikabbiltà tagħha għall-każ inkwistjoni u n-natura tal-obbligu konfliġġenti. L-oġġezzjoni motivata ma għandhiex tkun ibbażata fuq:

(a) il-fatt li dispożizzjonijiet simili rigward il-kondizzjonijiet, il-formalitajiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' ordni ta' produzzjoni ma jkunux jeżistu fil-liġi applikabbli tal-pajjiż terz; jew

(b) is-sempliċi fatt li d-*data* tinħażen f'pajjiż terz.

L-oġġezzjoni motivata għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data li fiha d-destinatarju jkun irċieva l-EPOC.

3. L-awtorità emittenti għandha tirrieżamina l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea abbażi tal-oġġezzjoni motivata u kwalunkwe input ipprovdut mill-Istat tal-infurzar. Meta l-awtorità emittenti jkun beħsiebha żżomm l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, hija għandha titlob rieżami mill-qorti kompetenti tal-Istat emittenti. L-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tiġi sospiża sakemm titlesta l-proċedura ta' rieżami.

4. Il-qorti kompetenti għandha l-ewwel tivvaluta jekk jeżistix kunflitt ta' obbligi, abbażi ta' analiżi dwar jekk:

(a) il-liġi tal-pajjiż terz hijiex applikabbli abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni; u

(b) il-liġi tal-pajjiż terz, jekk applikabbli kif imsemmi fil-punt (a), tipprojbixxix id-divulgazzjoni tad-*data* kkonċernata meta tiġi applikata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni.

5. Meta l-qorti kompetenti ssib li ma jeżisti l-ebda kunflitt rilevanti ta' obbligi skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 4, hija għandha żżomm l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

6. Meta l-qorti kompetenti tistabbilixxi, abbażi tal-eżami skont il-paragrafu 4, il-punt (b), li l-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi d-divulgazzjoni tad-*data* kkonċernata, il-qorti kompetenti għandha tiddetermina jekk iżżommx jew tneħħix l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. Dik il-valutazzjoni għandha b'mod partikolari tkun ibbażata fuq il-fatturi li ġejjin filwaqt li tagħti importanza partikolari lill-fatturi msemmija fil-punti (a) u (b):

(a) l-interess imħares mil-liġi rilevanti tal-pajjiż terz, inkluż id-drittijiet fundamentali kif ukoll interessi fundamentali oħra li jimpedixxu d-divulgazzjoni tad-*data*, b'mod partikolari l-interessi ta' sigurtà nazzjonali tal-pajjiż terz;

(b) il-grad ta' konnessjoni bejn il-każ kriminali li għalih tkun inħarġet l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, ma' xi waħda miż-żewġ ġuriżdizzjonijiet, kif indikat fost l-oħrajn minn:

(i) il-lokalità, in-nazzjonalità u l-post ta' residenza tal-persuna li d-*data* tagħha tkun qed tintalab jew tal-vittma jew vittmi tar-reat kriminali inkwistjoni;

(ii) il-post fejn twettaq ir-reat kriminali inkwistjoni;

(c) il-grad ta' konnessjoni bejn il-fornitur tas-servizzi u l-pajjiż terz inkwistjoni; f'dan il-kuntest, il-lokalizzazzjoni tal-ħażna tad-*data* waħedha ma għandhiex tkun biżżejjed bl-iskop li jiġi stabbilit grad sostanzjali ta' konnessjoni;

(d) l-interessi tal-Istat investigattiv sabiex jikseb l-evidenza kkonċernata, fuq il-bażi tal-gravità tar-reat u l-importanza li tinkiseb l-evidenza b'mod rapidu;

(e) il-konsegwenzi possibbli għad-destinatarju jew għall-fornitur tas-servizzi jekk jikkonforma mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, inklużi l- penali potenzjali.

7. Il-qorti kompetenti tista' tfittex informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, b'kont meħud tad-Direttiva (UE) 2016/680, b'mod partikolari l-Kapitolu V tagħha, u sal-punt li tali talba ma tostakolax proċedimenti kriminali rilevanti. L-informazzjoni għandha b'mod partikolari, tintalab mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz mill-Istat emittenti meta l-kunflitt tal-obbligi jikkonċerna drittijiet fundamentali jew interessi fundamentali oħra tal-pajjiż terz relatati mas-sigurtà u d-difiża nazzjonali.

8. Jekk il-qorti kompetenti tiddeċiedi li tneħħi l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, hija għandha tinforma lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju. Jekk il-qorti kompetenti tiddeċiedi li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tinżamm, hija għandha tinforma lill-awtorità emittenti u lid-destinatarju, u li d-destinatarju għandu jipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

9. Għall-finijiet tal-proċeduri skont dan l-Artikolu, il-limiti ta' żmien għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-awtorità emittenti.

10. L-awtorità emittenti għandha tinforma lill-awtorità tal-infurzar dwar l-eżitu tal-proċedura ta' rieżami.

Artikolu 18

Rimedji effettivi

1. Mingħajr preġudizzju għal aktar rimedji legali disponibbli f'konformità mal-liġi nazzjonali, kwalunkwe persuna li d-*data* tagħha tkun intalbet permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandu jkollha d-dritt għal rimedji effettivi kontra dik l-ordni. Meta dik il-persuna tkun persuna suspettata jew akkużata, tali persuna għandu jkollha d-dritt għal rimedji effettivi matul il-proċedimenti kriminali li fihom kienet qed tintuża d-*data*. Id-dritt għal rimedji effettivi msemmi f'dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt li wieħed ifittex rimedji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680.

2. Id-dritt għal rimedji effettivi għandu jiġi eżerċitat quddiem qorti fl-Istat emittenti skont il-liġi nazzjonali tiegħu u għandu jinkludi l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-legalità tal-miżura, inklużi n-neċessità u l-proporzjonalità tagħha, mingħajr preġudizzju għall-garanziji tad-drittijiet fundamentali fl-Istat tal-infurzar.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 13(1), l-informazzjoni għandha tingħata fi żmien debitu dwar il-possibbiltajiet skont il-liġi nazzjonali biex jinstabu rimedji u għandu jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv.

4. L-istess limiti ta' żmien jew kondizzjonijiet oħra għat-tfittxija ta' rimedji f'każijiet domestiċi simili għandhom japplikaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u b'mod li jiggarantixxi li l-persuni kkonċernati jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal dawk ir-rimedji b'mod effettiv.

5. Mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali, l-Istat emittenti u kwalunkwe Stat Membru ieħor li jkun irċieva evidenza elettronika skont dan ir-Regolament għandu jiżgura li d-drittijiet tad-difiża u tal-ġustizzja tal-proċedimenti jiġu rispettati meta ssir il-valutazzjoni tal-provi miksuba permezz tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

KAPITOLU V

SISTEMA TAL-IT DEĊENTRALIZZATA

Artikolu 19

Komunikazzjoni diġitali sigura u skambju ta' data bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri ta' servizzi u bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. Il-komunikazzjoni bil-miktub bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-istabbilimenti jew ir-rappreżentanti legali dežinjati skont dan ir-Regolament, inkluż l-iskambju tal-formoli previsti f'dan ir-Regolament u d-*data* mitluba skont Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, għandha titwettaq permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata sigura u affidabbli ("is-sistema tal-IT deċentralizzata").

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-istabbilimenti jew ir-rappreżentanti legali dežinjati tal-forniturі tas-servizzi li jinsabu f'dak l-Istat Membru jingħataw aċċess għas-sistema tal-IT deċentralizzata permezz tas-sistema tal-IT nazzjonali rispettiva tagħhom.

3. Il-forniturі tas-servizzi għandhom jiżguraw li l-istabbilimenti jew ir-rappreżentanti legali dežinjati tagħhom ikunu jistgħu jużaw is-sistema tal-IT deċentralizzata permezz tas-sistema tal-IT nazzjonali rispettiva sabiex jirċievu EPOCs u EPOC-PRs, jibagħtu d-*data* mitluba lill-awtorità emittenti u jikkomunikaw bi kwalunkwe mod ieħor mal-awtorità emittenti u l-awtorità tal-infurzar, kif previst f'dan ir-Regolament.

4. Il-komunikazzjoni bil-miktub bejn l-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, inkluż l-iskambju tal-formoli previsti f'dan ir-Regolament, u tad-*data* mitluba skont il-proċedura għall-infurzar kif previst fl-Artikolu 16, kif ukoll il-komunikazzjoni bil-miktub mal-aġenziji jew il-korpi kompetenti tal-Unjoni, għandha titwettaq permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

5. Meta komunikazzjoni permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata f'konformità mal-paragrafu 1 jew 4 ma tkunx possibbli minħabba, pereżempju, it-tfixkil fis-sistema tal-IT deċentralizzata, in-natura tal-materjal trażmess, il-limitazzjonijiet tekniċi, bħad-daqs tad-*data*, ir-restrizzjonijiet legali relatati mal-ammissibbiltà bħala evidenza tad-*data* mitluba jew ir-rekwiżiti forensiċi applikabbli għad-*data* mitluba, jew ċirkostanzi eċċezzjonali, it-trażmissjoni għandha titwettaq bl-aktar mezzi alternattivi xierqa, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat skambju ta' informazzjoni li jkun rapidu, sigur u affidabbli, u li jippermetti li r-riċevitur jistabbilixxi l-awtentiċità.

6. Meta trażmissjoni titwettaq b'mezzi alternattivi kif previst fil-paragrafu 5, l-oriġinatur tat-trażmissjoni għandu jirreġistra t-trażmissjoni, inkluż, kif xieraq, id-data u l-ħin tat-trażmissjoni, l-ispeditur u r-riċevitur, l-isem tal-fajl u d-daqs tiegħu, fis-sistema tal-IT deċentralizzata, mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 20

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi

Id-dokumenti trażmessi bħala parti minn komunikazzjoni elettronika ma għandhomx jiġu miċħuda effett legali jew jitqiesu inammissibbli fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji transfruntieri skont dan ir-Regolament għall-unika raġuni li huma f'forma elettronika.

Artikolu 21

Firem u siġilli elettroniċi

1. Il-qafas legali ġenerali għall-użu tas-servizzi fiduċjarji stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 għandu japplika għall-komunikazzjoni elettronika skont dan ir-Regolament.

2. Meta dokument trażmess bħala parti mill-komunikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 19(1) jew (4) ta' dan ir-Regolament ikun jirrikjedi siġill jew firma f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-dokument għandu jkollu siġill elettroniku kwalifikat jew firma elettronika kwalifikata kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Artikolu 22

Software ta' implimentazzjoni ta' referenza

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw bħala s-sistema back-end tagħhom minflok sistema tal-IT nazzjonali. Il-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, iżżomm u tappoġġa s-software ta' implimentazzjoni ta' referenza mingħajr ħlas.

Artikolu 23

Kostijiet tas-sistema tal-IT deċentralizzata

1. Kull Stat Membru għandu jġarrab il-kostijiet tal-installazzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tal-punti ta' aċċess tas-sistema tal-IT deċentralizzata li għaliha dak l-Istat Membru huwa responsabbli.

2. Kull Stat Membru għandu jġarrab il-kostijiet marbuta mal-istabbiliment u l-aġġustament tas-sistemi tal-IT nazzjonali rilevanti tiegħu biex jagħmilhom interoperabbli mal-punti ta' aċċess, u għandu jġarrab il-kostijiet marbuta mal-amministrazzjoni, l-operat u l-manutenzjoni ta' dawk is-sistemi.

3. L-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni għandhom iġarrbu l-kostijiet tal-installazzjoni, l-operat u l-manutenzjoni tal-komponenti li jagħmlu parti mis-sistema tal-IT deċentralizzata taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

4. L-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni għandhom iġarrbu l-kostijiet marbuta mal-istabbiliment u l-aġġustament tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tal-każijiet sabiex jagħmluhom interoperabbli mal-punti ta' aċċess, u għandhom iġarrbu l-kostijiet marbuta mal-amministrazzjoni, l-operat u l-manutenzjoni ta' dawk is-sistemi.

5. Il-fornituri tas-servizzi għandhom iġarrbu l-kostijiet kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jintegraw b'suċċess jew jinteraġixxu b'xi mod ieħor mas-sistema tal-IT deċentralizzata.

Artikolu 24

Perjodu ta' tranżizzjoni

Qabel ma jsir applikabbli l-obbligu li titwettaq komunikazzjoni bil-miktub permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 19 ("perjodu ta' tranżizzjoni"), il-komunikazzjoni bil-miktub bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-istabbilimenti jew ir-rappreżentanti legali dežinjati skont dan ir-Regolament għandha ssir bl-aktar mezzi alternattivi xierqa, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat skambju rapidu, sigur u affidabbli ta' informazzjoni. Meta il-fornituri tas-servizzi, l-Istati Membri jew l-aġenziji tal-Unjoni jkunu stabbilew pjattaformi ddedikati jew kanali siguri oħra għall-immaniġġjar tat-talbiet għad-*data* mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mill-awtoritajiet ġudizzjarji, l-awtoritajiet emittenti jistgħu jagħżlu wkoll li jittrażmettu EPOC jew EPOC-PR permezz ta' dawk il-kanali lill-istabbilimenti jew lir-rappreżentanti legali dežinjati matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Artikolu 25

Atti ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u l-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxu dan li ġej:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-metodi ta' komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi għall-finijiet tas-sistema tal-IT deċentralizzata;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-protokolli ta' komunikazzjoni;

(c) l-objettivi tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-miżuri tekniċi rilevanti li jiżguraw l-istandards minimi tas-sigurtà tal-informazzjoni u livell għoli ta' ċibersigurtà għall-ipproċessar u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni fis-sistema tal-IT deċentralizzata;

(d) l-objettivi ta' disponibbiltà minima u r-rekwiżiti tekniċi relatati possibbli għas-servizzi pprovduti mis-sistema tal-IT deċentralizzata.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 26.

3. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati sat-18 ta' Awwissu 2025.

Artikolu 26

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 27

Lingwi

Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li ser jaċċetta traduzzjonijiet ta' EPOCs u EPOC-PRs f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Unjoni minbarra l-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tiegħu, u għandu jindika tali deċiżjoni f'dikjarazzjoni bil-miktub ippreżentata lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed id-dikjarazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha u tan-Network Ġudizzjarju Ewropew.

Artikolu 28

Monitoraġġ u rapportar

1. Sat-18 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament. Il-programm ta' monitoraġġ għandu jistabbilixxi l-mezzi li permezz tagħhom, u l-intervalli li fihom, se tinġabar id-*data*. Huwa għandu jispeċifika l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-ġbir u fl-analiżi tad-*data*.

2. Fi kwalunkwe każ, mit-18 ta' Awwissu 2026, l-Istati Membri għandhom jiġbru statistika komprensiva mill-awtoritajiet rilevanti u jżommu rekord ta' tali statistika. Id-*data* miġbura għas-sena kalendarja preċedenti għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull sena sal-31 ta' Marzu, u għandha tinkludi:

(a) l-għadd ta' EPOCs u EPOC-PRs maħruġa, skont it-tip ta' *data* mitluba, id-destinatarji u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

(b) l-għadd ta' EPOCs maħruġa taħt derogi ta' każijiet ta' emerġenza;

(c) l-għadd ta' EPOCs u EPOC-PRs issodisfati u mhux issodisfati, skont it-tip ta' *data* mitluba, id-destinatarji u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

(d) l-għadd ta' notifiki lill-awtoritajiet tal-infurzar skont l-Artikolu 8, u l-għadd ta' EPOCs li ġew miċħuda, skont it-tip ta' *data* mitluba, id-destinatarji, is-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le) u r-raġuni għar-rifjut;

(e) għall-EPOCs issodisfati, il-perjodu medju bejn il-mument li fih ikun inħareġ l-EPOC u l-mument li fih tkun inkisbet id-*data* mitluba, skont it-tip ta' *data* mitluba, id-destinatarji u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

(f) għall-EPOC-PRs issodisfati, il-perjodu medju bejn il-mument li fih ikun inħareġ l-EPOC-PR u l-mument li fih tkun inħarġet it-talba sussegwenti għall-produzzjoni, skont it-tip ta' *data* mitluba u d-destinatarji;

(g) l-għadd ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej jew Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej trażmessi lil Stat tal-infurzar, u riċevuti minnu, għall-infurzar, skont it-tip ta' *data* mitluba, id-destinatarji u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le) u l-għadd ta' tali ordnijiet li ġew issodisfati;

(h) l-għadd ta' rimedji legali użati kontra Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej fl-Istat emittenti u fl-Istat tal-infurzar, skont it-tip ta' *data* mitluba.

(i) l-għadd ta' każijiet fejn ma tkunx ingħatat validazzjoni ex post skont l-Artikolu 4(5);

(j) ħarsa ġenerali tal-kostijiet dikjarati mill-forniturі tas-servizzi b'rabta mal-eżekuzzjoni tal-EPOCs jew l-EPOC-PRs u l-kostijiet rimborżati mill-awtoritajiet emittenti.

3. Mit-18 ta' Awwissu 2026, għall-iskambji tad-*data* mwettqa permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata skont l-Artikolu 19(1), l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tista' tingħabar b'mod programmatiku mill-portali nazzjonali. Is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza msemmi fl-Artikolu 22 għandu jkun mgħammar teknikament biex jipprevedi tali funzjonalità.

4. Il-forniturі tas-servizzi jistgħu jiġbru, iżommu rekord tal-istatistika u jippubblikawha skont il-prinċipji eżistenti tal-protezzjoni tad-*data*. Jekk kwalunkwe statistika bħal din tingħabar għas-sena kalendarja preċedenti, din tista' tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu u tista', sa fejn ikun possibbli, tinkludi:

(a) l-għadd ta' EPOCs u EPOC-PRs riċevuti, skont it-tip ta' *data* mitluba, l-Istat emittenti u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

(b) l-għadd ta' EPOCs u EPOC-PRs issodisfati u mhux issodisfati, skont it-tip ta' *data* mitluba, l-Istat emittenti u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

(c) għall-EPOCs issodisfati, il-perjodu medju meħtieġ biex tingħata d-*data* mitluba mill-mument li jkun ġie riċevut l-EPOC sal-mument li fih tkun ingħatat id-*data*, skont it-tip ta' *data* mitluba, l-Istat emittenti u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

(d) għall-EPOCs-PRs issodisfati, il-perjodu medju bejn il-mument li fih ikun inħareġ l-EPOC-PR u l-mument li fih tkun tinħareġ it-talba sussegwenti għall-produzzjoni, skont it-tip ta' *data* mitluba u l-Istat emittenti.

5. Mit-18 ta' Awwissu 2027, il-Kummissjoni għandha, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, tippubblika rapport li jkun fih id-*data* msemmija fil-paragrafi 2 u 3 f'forma miġbura, subdiviża għal kull Stat Membru u t-tip ta' fornitur tas-servizzi.

Artikolu 29

Emendi fiċ-ċertifikati u fil-formoli

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 30 sabiex temenda l-Annessi I, II, III, V u VI bil-għan li tindirizza b'mod effettiv ħtieġa possibbli għal titjib fir-rigward tal-kontenut tal-formoli tal-EPOC u tal-EPOC-PR u tal-formoli li għandhom jintużaw sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-impossibbiltà ta' eżekuzzjoni ta' EPOC jew ta' EPOC-PR, jiġi kkonfermat il-ħruġ ta' talba għal produzzjoni wara Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u tiġi estiża l-preservazzjoni tal-evidenza elettronika.

Artikolu 30

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 29 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mit-18 ta' Awwissu 2026.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 29 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti dežinjati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 29 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 31

Notifiki lill-Kummissjoni

1. Sat-18 ta' Awwissu 2025, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar:

(a) l-awtorità jew l-awtoritajiet li, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, ikunu kompetenti skont l-Artikolu 4 biex joħorġu, jivvalidaw jew jittrażmettu Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej jew in-notifiki tagħhom;

(b) l-awtorità jew l-awtoritajiet li jkunu kompetenti sabiex jirċievu notifiki skont l-Artikolu 8, u biex jinfurzaw Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej f'isem Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 16;

(c) l-awtorità jew l-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jittrattaw oġġezzjonijiet motivati mid-destinatarji skont l-Artikolu 17;

(d) il-lingwi aċċettati għan-notifika u t-trażmissjoni ta' EPOC, EPOC-PR, Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea fil-każ ta' infurzar, skont l-Artikolu 27.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu pubblikament disponibbli, jew fuq sit web iddedikat jew fuq is-sit web tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali msemmi fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI ([33]).

Artikolu 32

Relazzjoni ma' strumenti, ftehimiet u arranġamenti oħra

1. Dan ir-Regolament ma jaffettwax strumenti, ftehimiet u arranġamenti tal-Unjoni jew oħrajn internazzjonali dwar il-ġbir ta' evidenza li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sat-18 ta' Awwissu 2026 dwar kwalunkwe strument, ftehim u arranġament eżistenti kif imsemmija fil-paragrafu 1 li se jkomplu japplikaw. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-iffirmar ta' kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid kif imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 33

Evalwazzjoni

Sat-18 ta' Awwissu 2029. il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. Dak ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-riżultati li jkunu nkisbu fir-rigward tal-objettivi tiegħu, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq id-drittijiet fundamentali. L-evalwazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport ta' evalwazzjoni.

Artikolu 34

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([33]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130).

2. Għandu japplika mit-18 ta' Awwissu 2026.

Madankollu, l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti u għall-fornituri tas-servizzi li jużaw is-sistema tal-IT deċentralizzata stabbilita fl-Artikolu 19 għall-komunikazzjoni bil-miktub skont dan ir-Regolament għandu japplika minn sena wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 25.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Lulju 2023.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	P. NAVARRO RÍOS

ANNESS I

ĊERTIFIKAT TA' ORDNI TA' PRODUZZJONI EWROPEA (EPOC) GĦALL-PRODUZZJONI TA' EVIDENZA ELETTRONIKA

Skont ir-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] id-destinatarju ta' dan iċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) jeħtieġlu jeżegwixxi dan l-EPOC u jeħtieġlu jittrażmetti d-*data* mitluba f'konformità mal-iskadenza speċifikata fit-Taqsima C ta' dan l-EPOC lill-awtorità kompetenti indikata taħt il-punt (a) tat-Taqsima L ta' dan l-EPOC.

Fil-każijiet kollha, id-destinatarju jeħtieġlu, malli jirċievi l-EPOC, jaġixxi b'ħeffa biex jippreserva d-*data* mitluba, sakemm l-informazzjoni fl-EPOC ma tkunx tippermettilu jidentifika dik id-*data*. Id-data trid tkompli tiġi ppreservata sakemm id-*data* tiġi prodotta jew sakemm l-awtorità emittenti jew, meta applikabbli, l-awtorità tal-infurzar, tindika li ma għadx hemm aktar bżonn li d-*data* tiġi ppreservata u prodotta.

Id-destinatarju jeħtieġlu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura l-kunfidenzjalità, is-segretezza u l-integrità tal-EPOC u tad-*data* prodotta jew ippreservata.

TAQSIMA A: Awtorità emittenti/ta' validazzjoni

Stat emittenti: .....

Awtorità emittenti: .....

Awtorità ta' validazzjoni (jekk applikabbli): .....

NB: id-dettalji tal-awtorità emittenti u ta' validazzjoni jridu jingħataw fl-aħħar (it-Taqsimiet I u J) .....

Numru tal-fajl tal-awtorità emittenti: .....

Numru tal-fajl tal-awtorità ta' validazzjoni: .....

TAQSIMA B: Destinatarju

Destinatarju: .....

☐ Stabbiliment dežinjat

☐ Rappreżentant legali

☐ Din l-ordni tinħareġ f'każ ta' emerġenza lid-destinatarju speċifikat minħabba li l-istabbiliment dežinjat jew ir-rappreżentant legali ta' fornitur tas-servizzi ma rreaġixxiex għall-EPOC sal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2023/1543 jew ma jkunx ġie ddežinjat jew maħtur sal-iskadenzi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2023/1544 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]

Indirizz: .....

Nru tat-Tel./Nru tal-Fax/email (jekk magħrufa): .....

Persuna ta' kuntatt (jekk magħrufa): .....

Numru tal-fajl tad-destinatarju (jekk magħruf): .....

Fornitur tas-servizz ikkonċernat (jekk differenti mid-destinatarju): .....

Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti: .....

[1] Ir-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 118).

[2] Id-Direttiva (UE) 2023/1544 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' stabbilimenti magħżula u l-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir ta' evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 181).

TAQSIMA C: Skadenzi (immarka l-kaxxa adatta u imla, jekk meħtieġ)

Mal-wasla tal-EPOC, id-*data* mitluba trid tiġi prodotta:

☐ mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 10 ijiem (l-ebda notifika lill-awtorità tal-infurzar)

☐ fil-każ ta' notifika lill-awtorità tal-infurzar: fi tmiem l-għaxar jum, meta l-awtorità tal-infurzar ma tkunx qajmet raġuni għal rifjut f'dak il-perjodu ta' żmien, jew wara konferma mill-awtorità tal-infurzar qabel tmiem l-għaxar jum li mhijiex se tqajjem raġuni għal rifjut, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn tmiem l-għaxar jum

☐ mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn tmien sigħat f'każ ta' emerġenza li jinvolvi:

☐ theddida imminenti għall-ħajja, għall-integrità fiżika jew għas-sikurezza ta' persuna

☐ theddida imminenti għall-infrastruttura kritika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE ([3]), fejn it-tfixkil jew il-qerda ta' tali infrastruttura kritika jirriżultaw f'theddida imminenti għall-ħajja, l-integrità fiżika jew is-sikurezza ta' persuna, inkluż permezz ta' dannu serju għall-forniment tal-provvisti bażiċi lill-popolazzjoni jew għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ewlenin tal-Istat.

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx xi skadenzi proċedurali jew oħrajn li għandhom jitqiesu għall-eżekuzzjoni ta' dan l-EPOC: ....

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni addizzjonali fejn rilevanti: .....

TAQSIMA D: Relazzjoni ma' talba preċedenti ta' produzzjoni/preservazzjoni (immarka u imla jekk applikabbli u disponibbli)

☐ Id-*data* mitluba ġiet ippreservata totalment/parzjalment skont talba preċedenti għall-preservazzjoni

maħruġa minn .... (indika l-awtorità u n-numru tal-fajl)

fi .... (indika d-data tal-ħruġ tat-talba)

u trażmessa fi .... (indika d-data tat-trażmissjoni tat-talba)

lil ..... (indika l-fornitur tas-servizz/ir-rappreżentant legali/l-istabbiliment dežinjat/l-awtorità kompetenti li lilha ġiet trażmessa t-talba u, jekk disponibbli, in-numru tal-fajl mogħti mid-destinatarju).

☐ Id-*data* mitluba hija relatata ma' talba preċedenti għall-produzzjoni

maħruġa minn .... (indika l-awtorità u n-numru tal-fajl)

fi .... (indika d-data tal-ħruġ tat-talba)

u trażmessa fi .... (indika d-data tat-trażmissjoni tat-talba)

lil ..... (indika l-fornitur tas-servizz/ir-rappreżentant legali/l-istabbiliment dežinjat/l-awtorità kompetenti li lilha ġiet trażmessa u, jekk disponibbli, in-numru tal-fajl mogħti mid-destinatarju).

Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti: ....

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

TAQSIMA E: Informazzjoni biex tappoġġa l-identifikazzjoni tad-*data* mitluba (kompluta sal-punt li din l-informazzjoni hija magħrufa u meħtieġa biex tiġi identifikata d-*data*)

Indirizz(i) IP u kronogrammi (inklużi d-data u ż-żona tal-ħin): .....

Nru tat-Telefon: ....

Indirizz(i) tal-posta elettronika: ....

Numru/i tal-IMEI: ....

Indirizz(i) tal-MAC: ....

L-utent(i) jew l-identifikatur(i) uniku/uniċi ieħor/oħra bħall-isem/ismijiet tal-utent, l-ID(s) tal-login jew l-isem/ismijiet tal-kont: ....

Isem/ismijiet tas-servizz(i) rilevanti: ....

Oħrajn: ....

Jekk applikabbli, il-medda taż-żmien tad-*data* li għaliha tintalab il-produzzjoni:

....

☐ Informazzjoni addizzjonali jekk meħtieġa: ....

TAQSIMA F: Evidenza elettronika li trid tiġi prodotta

Dan l-EPOC jikkonċerna (immarka l-kaxxa/i rilevanti):

(a) ☐ dwar l-abbonati:

☐ l-isem, id-data tat-twelid, l-indirizz postali jew ġeografiku, l-informazzjoni ta' kuntatt (l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefon) u informazzjoni rilevanti oħra li tirrigwarda l-identità tal-utent/id-detentur tal-abbonament

☐ id-data u l-ħin tar-reġistrazzjoni inizjali, it-tip ta' reġistrazzjoni, il-kopja ta' kuntratt, il-mezzi ta' verifika tal-identità fil-waqt tar-reġistrazzjoni, il-kopji tad-dokumenti provduti mill-abbonat

☐ it-tip ta' servizz u t-tul ta' żmien tiegħu, inkluż l-identifikatur(i) użat(i) mill-abbonat jew ipprovdut lilu fil-mument tar-reġistrazzjoni jew l-attivazzjoni inizjali (eż. in-numru tat-telefon, in-numru tas-SIM card, l-indirizz MAC) u kull apparat assoċjat

☐ informazzjoni tal-profil (eż. isem l-utent, isem tal-iskrin, ir-ritratt tal-profil)

